Settembru 2009 • Vol 16 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Laqgħa tal-HENU (Heads of Europol National Unit) organizzata ġewwa Malta.
- Sehem il-Banda tal-Korp tal-Pulizija fil-Kommemorazzjonijiet tal-195 anniversarju mill-Fondazzjoni tal-Korp - 1814 - 2009.
- Kommemorazzjonijiet tal-195 Anniversarju tal-Korp 1814 - 2009
- Summer Camp 2009

*u aktar...*

**Newspaper Post**

# Professional Car Cleaning Products



ARMORALL

AUTO X5

STP



Oil treatment & fuel additives
Official sponsors of Blood Hound
(World speed record Holder)



CAR WASH X5

PORTOMASO

- Car wash in & out
- Engine wash
- Polish & Wax
- Interior & Engine Steam
- Valeting

Portomaso Carpark
Level - 3 St Julians

Tel: 2137 8822



L-INGLIZ

Cafeteria & Wine Lounge

19, St. John's Street Valletta

Tel: 21221482

Freshly made sandwiches & salads

A. ABELA AUTO X5

PO BOX 50 PAOLA E-mail: info@autoxsmalta.com
Tel: 21 821044 Fax: 21 821045 Mob: 99472443

Settembru 2009 • Vol 16 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Mr. Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**




Cover:
Ritratt meħud mill-ġurnalist Kurt Bugeja Coster waqt it-tberik ta' l-annimali li sar fit-Taqsima tal-Klieb.

# Werrej

## Settembru 2009 • VOLUM 16 • NRU. 3

Feature




Feature




Feature




Sports




5 Editorjal

7 L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

11 Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fl-okkazzjoni ta' Jum il-Pulizija

12 Laqgħa tal-HENU (Heads of Europol National Unit) organizzata ġewwa Malta.

15 Sehem il-Banda tal-Korp tal-Pulizija fil-Kommemorazzjonijiet tal-195 Anniversarju mill-Fondazzjoni tal-Korp - 1814 - 2009.

19 Il-Beritta waqt is-sewqan

22 Apprezzamenti

25 Żjara tad-Direttur il-ġdid tal-EWROPOL f'Malta

27 Kommemorazzjonijiet tal-195 Anniversarju tal-Korp 1814 - 2009

31 Summer Camp 2009

41 Korsijiet ta' taħriġ man-Naval Criminal Investigative Services (NCIS)

45 L-Importanza ta' komunikazzjoni tajba.

45 Żjara Speċjali fil-Depot tal-Pulizija

47 Is-Serqa mill-Armerija ta' Ħal Qormi

49 Preżentazzjoni ta' Computer mill-Kunsill Lokali Mġarr Malta

50 Il-Hijack ta' Frar 1983

53 Pagna Sportiva

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li Mietu


A NEW SHOW
by the Shaolin Monks
together on stage for the first time with
The Masters of Kalaripayattu from India in
THE HOLY MOUNTAIN
LIVE AT
THE MEDITERRANEAN CONFERENCE CENTRE (MCC)
VALLETTA
6TH, 7TH & 8TH NOVEMBER 2009
TICKET PRICES FROM €29 (Lm12.45)
On-Line Bookings & Reservations: MCC on 25595750/1 or bookings@mcc.com.mt
MCC Box office: Mon to Fri - 10.00 - 13.00 & 17.00 - 19.00 • Sat 10.00 - 13.00 - www.mcc.com.mt
Gozo Booking Office: 21558266 / 79815541
For more details: info@standingovations.com.mt .com or 79557988
www.holymountaininmalta.com
www.standingovations.com.mt

# Editorjal

Ħbieb

Kif forsi smajtu, wara assenza ta' ħafna snin reġa' ħa l-ħajja l-kamp li kien isir għat-tfal tal-membri tal-Korp. Il-post fejn sar dan il-kamp kien wieħed akkoljenti, mimli arja u ma naqasx li jkun kumplimentat b'organizazzjoni liema bħala.

Ħsibna li din l-attivita' naqsmuha ma' kulħadd permezz ta' ritratti u kummenti minn dawk preżenti u għalhekk kif nagħmlu kull sena fl-okkazzjoni ta' Jum il-Pulizija, fil-paġni tan-nofs hemm storja qasira fuq din l-attivita'.

F'din il-ħarġa għandna wkoll artiklu fuq argument li nixtiequ li jespandi, ovvjament bl-aktar mod demokratiku, bil-kummenti u ħsibijiet tagħkom. Għalkemm forsi ser ikollna opinjonjiet varji, aħna lesti li nipubblikawhom kollha. Huwa importanti pero' li biex dawn jidhru fil-ħarġa ta' Diċembru, iridu jaslu għandna mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, 2009. Jekk hemm xi ħadd li forsi jrid jikteb fuq argument differenti jista' jikteb ukoll. Il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed u waħda minnkom hija importanti sabiex ikun jista' jittella' dan il-Magazin.

Grazzi tmur lid-diversi nies li għoġobhom jgħaddulna ritratti tal-attivitajiet varji li kienu organizzati waqt jum il-Pulizija. Grazzi tassew.

Nifirħu u ngħidu prosit lill-Kuntistabbli 350 Emanuel Said tas-suċċess li kiseb f'Tuneż fil-lingwa Għarbija. Iktar informazzjoni fil-ħarġa ta' Diċembru peress li dan l-Uffiċċju kien mgħarraf tard b'dan is-suċċess tal-kollega tagħna.

Nixtiequ nawguraw lit-tim tal-futbol tal-Pulizija li ser jipparteċipa fis-27 edizzjoni tal-*World Police Indoor Soccer Competition* li ser isir l-Olanda bejn it-12 u s-16 ta' Ottubru, 2009 u li fih jipparteċipaw Pulizija minn madwar id-dinja. Il-kontinġent huwa magħmul minn tliet timijiet – dak tal-irġiel, irġiel ta' fuq il-35 sena u tim tan-nisa, fejn dawn ta' l-aħħar ser jieħdu sehem għal ewwel darba. Forza u kuraġġ!





# Wherever I go, I carry just two essentials.

Finding the perfect pictures to tell stories takes me all over the world. Apart from my camera, the one thing I always take with me is my American Express® Card. Not only will it get me almost anywhere, it will also get me out of trouble in an emergency.

My life is a series of captured moments. My card is my constant companion.

**You have the life, now apply for the card.**
**Call 2131 2020 or visit www.bov.com**




BOV
Bank of Valletta

AMERICAN EXPRESS *My life. My card.*

# L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

Neville Mercieca - Segretarju Amministrattiv MPA

*Qed nippubblikaw il-kontenut ta' ittra li ntbagħatet lill-membri tagħna tal-MPA. Il-Kumitat Eżekuttiv ħass il-ħtieġa li jibgħat din l-ittra d-dar għaliex dejjem insibu xi membri li ma jafu xejn, jew ma jaqrawx dan il-magazin, li hija ħasra, jew ħadt ma jara l-website (daħlu aktar minn 14,000 persuna) insomma, jew ħaġa jew oħra, dejjem xi skuża fil-komma Il-pustaġġ qam mhux ħażin imma la aħna l-membri nikkontribwixxu għalhekk għamilna dan il-pass. Din il-kwistjoni għadha pendenti quddiem il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar (PNB). Nittamaw li ma ndumux ma jkollna xi forma ta' ftehim. Kull membru li jaħseb li l-kontenut ta' din l-ittra tmiss lilu għandu jimxi skond kif jidher hawn taħt.*

*24 ta' Ġunju 2009.*

*Għażiż membru,*

Inħasset il-ħtieġa mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni sabiex jiċċirkola din l-ittra għall-informazzjoni ta' kulħadd, kif ukoll biex jiġu ċċarati xi fatti dwar xniegħat rigward diversi mistoqsijiet li qed iqumu fuq siegħat żejda ta' xogħol meta wieħed jaqbeż is-46 siegħa fil-ġimgħa.

Tajjeb li tkun taf, li fit-23 ta' Ġunju 1993 sar il-ftehim settorjali bejn l-MPO u l-Assoċjazzjoni li sal-lum għadu *in vigore*, fejn sar titjieb sostanzajali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna. Partijiet ta' dan il-ftehim kien ġie ppubblikat wkoll bħala GHQ Circ 63/1993 li ġiet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1993.

Tajjeb li ninfurmawk li ftit taż-żmien ilu saret talba, fil-forma ta' petizzjoni lill-MPA minn membri stazzjonati f'ċerti branki sabiex la darba s-xift/s li kienu qed jaħdmu jeċċedu s-46 siegħa fil-ġimgħa, ġustament talbu sabiex jibdew jitħallsu ta' dawn is-sigħat żejda skond kif stipulat f'dan il-ftehim, f'paragrafu 3.5.2 tal-imsemmija ċirkulari.

Din hi kwestjoni li l-MPA qed tagħtiha importanza kbira. Tant hu hekk li kienet u għadha fuq l-aġenda tal-Police Negotiating Board (PNB) għal dawn l-aħħar xhur. Tajjeb li ninfurmawk ukoll li l-MPA għamlet laqgħa *adhoc* mal-Ministru l-Onor Dott. C. Mifsud Bonnici, fejn ġie nfurmat b'dak li qed jiġi diskuss fil-PNB, kif ukoll bit-talbiet tal-membri. L-Assoċjazzjoni temmen li fejn hemm ir-rieda tajba u l-volonta', xejn ma huwa impossibbli sabiex jintlaħaq xi forma ta' ftehim u soluzzjoni ġusta għal kull naħa.

Quddiem din is-sitwazzjoni, l-Assoċjazzjoni ser tagħti żmien sa l-aħħar ta' Awwissu 2009 sabiex kull min ħadem xi siegħat żejda mill-1 ta' Settembru 1993 'il quddiem, u għadu ma tħallasx, għandu jimla l-formoli preskritti tal-*overtime*. Dawn għandhom jiġu mgħoddija skond *ic-chain of command* tal-Korp. Kull membru huwa mitlub li jekk isib xi diffikulta' għandu jiġi l-uffiċċju tal-Assoċjazzjoni u jiddepozita hemm dawn il-formoli.

Min-naħa l-oħra, jekk min diġa' għamel talba u din ġiet aċċettata mill-Amministrazzjoni tal-Korp, għandek tinforma lill-MPA minnufih. Dan huwa importanti sabiex ikollna stampa ċara ta' dak kollu li jkun għaddej. Sejrin nieħdu azzjoni favur dawk kollha li jitolbu l-għajnuna tagħna.

Tiġi nformat b'aktar żvilupp skond il-ħtieġa. M'għandek tirrikorri għand l-ebda membru tal-Kumitat Eżekuttiv, ħief l-uffiċjal inkarigat minn dan l-eżerċizju, fl-uffiċċju tal-Assoċjazzjoni fil-Marsa.

**Il-Parole f'Malta.**

Huwa fil-ħsieb tal-Gvern li f'Malta tiġi ntrodotta s-sistema tal-parole u għalhekk ħarġet *White Paper* rigward il-Ġustizzja Riparattiva. Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni ssottometta xi opinjonijiet fuq hekk. Dan sar għaliex direttament jolqot lilna bħala membri fil-Korp tal-Pulizija. Dawn li ġejjin huma xi siltiet li l-MPA pproponiet lill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

**Att dwar Probation Kap 446**

L-esperjenza turina bħala Assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija, li f'dan il-qasam hemm problema ta' *probation officers*, li mhux qed ilaħħqu mad-domanda għas-servizz tagħhom. L-Assoċjazzjoni temmen li dan il-qasam għandu jiġi msaħħaħ aktar u ex-membri tal-Korp tal-Pulizija, li jkunu jixtiequ jaħdmu wkoll f'dan il-qasam, wara is-servizz tagħhom fil-Korp jingħataw opportunita' li jssaħħu u jikkumplimentaw dan is-servizz. Għandu jsiru dak kollu possibbli sabiex esperjenza li wieħed jew waħda tkun kisbet matul

iż-żmien fil-Korp jiġi utilizzat għal dan il-għan.

**2.2 It-twaqqif tal-Bord tal-Parole.**
Jidher li hemm il-ħsieb, skont il-White Paper, li ex-membri tal-Korp tal-Pulizija mhux ser ikunu membri ta' dan il-bord. Jista' jiġi rraġunat li ex-membru tal-Korp ikun preġudikat għaliex kien parti mill-prosekuzzjoni li biha persuna ntbagħtet ġewwa l-Faċilita' Korrettiva. Imma bl-istess raġunament, ex-Ġudikant jew membri legali oħra seta' kienu parti mid-difiża jew mill-prosekuzzjoni (Avukat Ġenerali). L-Assoċjazzjoni tħoss li ex-membru tal Korp għandu jagħmel wkoll parti minn dan il-Bord.

**2.3 Proċedura u Prinċipju marbuta mal-Bord tal-Parole.**
F'paġna 21, l-aħħar paragrafu, reġgħet instemgħat il-kelma superviżjoni. L-Assoċjazzjoni terġa' isaqsi min ser jagħmel din is-superviżjoni? Id-dokument naqas li jispjega definittivament kif jista jsir Seta' kien il-fatt li minħabba affarijiet li jistgħu jikxfu x'hemm wara din is-superviżżjoni. *Electronic device* jista' jkun is-soluzzjoni imma dik waħedha mhux xi ħaġa li tassigura mija fil-mija tali superviżjoni. Trid tara wkoll il-prezz li wieħed iħallas għal dan is-servizz. Irid isir ħafna preparamenti u din is-superviżjoni u nerġgħu ntennu li din m'għandiex issir minn membri tal-Korp tal-Pulizija. Iżda għandu jsir minn entita' indipendenti imma li jikkumplimenta lill-Korp.

**2.4 Parole il-pass li imiss.**
F'dan id-dokument (White Papaer) hemm informazzjoni nieqsa kif ser jikkommunikaw bejniethom l-entitajiet kollha nvoluti f'dan il-proċess. Skond il-ktejjeb, 143 priġunier għassena 2007 setgħu jibbenifikaw minn din is-sistema, dan huwa ammont kbir. Nerġgħu nirrepetu li jrid ikollna sistema b'personnel full time li jlaħħqu ma' din id-domanda. L-Assoċjazzjoni hija tal-fehma li għandhom jinħarġu linji gwida lejn il-Ġudikanti sabiex jimxu fuqhom meta jkun hemm il-possibbilita' ta' Parole fl-għoti tas-sentenza.

**2.12 Deċiżjoniiiet negattivi**
Għandu jinstab uffiċċju viċin il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, għall-Bord tal-Parole sabiex ma jkunx hemm ivvjaġġar bla bżonn ta' priġunier u ħela ta' riżorsi umani.

**Kapitlu 4. Il-Proċedura tal-Petizzjoni.**
L-Assoċjazzjoni ssostni li l-vittma/i ta' reat għandhom jkollhom id-dritt jidhru quddiem il-Bord tal-Parole, meta persuna tapplika għal Parole għandiex dritt jew le. Barra minn Malta hemm dik li tissejjaħ '*Victim Personal Statement*' sabiex tgħid fil-Qorti kif u kemm dak id-delitt li wettaq l-akkużat kemm affetwa lilu u l-qrabatu. Quddiem il-Bord, il-vittmi għandhom ukoll id-dritt li jgħidu jekk jaħsbux li l-akkużat għadux jew jista jkun ta' periklu għalihom. Il-vittma għadhom id-dritt ukoll li jinstemgħu quddiem il-Bord viva voce imma mhux quddiem il-persuna li qed titlob il-Parole. Il-kommunita' bħal per eżempju l-Kunsill Lokali fejn ġara xi delitt li effettwa l-abbitudni taċ-ċittadini tal-lokalita' wkoll għandhom id-dritt li jinstemgħu u jagħtu l-veduti tagħhom f'isem il-kommunita' quddiem il-Bord. L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija taqbel fuq dan u għandhom jiġu ntrodotti fis-sistema tagħna. Xogħol il-Bord mhux faċli, għaliex il-membri tal-Bord iridu janalizzaw jekk il-persuna li talbet għal-Parole x'riskju hemm li tali persuna terġa' tikkommeti xi reat ieħor jekk jiġi rilaxxat. Jridu wkoll jikkonsidraw jekk tali persuna tkunx ser tikser xi waħda mir-regolamenti mposti fuq il-persuna sabiex isegwi l-liċenza tal-Parole. Il-Bord għandu janalizza sew l-attitudni tal-persuna li talbet għall-Parole dwar xi korsijiet li attenda jew wera nteress ġenwin meta dawn ġew offruti lilu meta kien fil-Faċilita' Korettiva. Dawn ukoll għandu jkollhom impatt fuq id-deċizjoni tal-Bord. Għandha tingħata mportanza l-inġieba ta' dixxiplina jekk hemm xi forma ta' rekords fil-faċilita' Korrettiva sabiex wieħed janalizza jekk l-individwu huwiex ser joqgħod għad-dixxiplina li tista' tiġi imposta fuq il-persuna wara li jiġi rilaxxat fuq il-Parole. Il-Bord għandu jintervista l-persuna li tapplika għal Parole u tara x'attitudni għandu issa għar-reat li wettaq u għal ħsara li għamel lejn il-vittma jew il-kommunita'.

Għandhom jiġu emendat ċerti liġijiet rigward pieni (bħal ħsara/ħbit fuq Uffiċjal tal-Pulizija, Uffiċjal tal-Probation, Uffiċjal tal-Ħabs u issa uffiċjal tal-Parole). Għandu jkun hemm uffiċju fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Ad Hoc sabiex jaħdem mal-Parol Board.

**Konklużjonijiiet**
L-Assoċjazzjoni tissottometti dan ir-rapport fejn tidħol l-introduzzjoni tal-Parole f'Malta. Bħala rappreżentanti tal-Pulizija aħna membri tal-Kumitat Eżekuttiv, tal-fehma li ser tiżdied aktar ħidma fuq spallejn kull wieħed u waħda minnha fil-Korp tal-Pulizija. Il-Gvern għandu jagħti dak is-sostenn neċessarju u mingħajr limitu sabiex jekk tiġi nntrodotta din is-sistema il-Korp jkun preparat sewwa u minn qabel.

Il-membri tal-Korp u dawk l-entitajiet assoċjati mas-sistema proponuta jkollhom l-għodda f'idejhom sabiex l-ewwel nett taħdem is-sistema u nipproteġu lis-soċjeta' inġenerali u ngħinu wkoll kemm dawk li kissru jdejhom mal-ġustizzja kif wkoll inżommu quddiem għajnejna lil vittmi li sofrew minħabba ċerti atti li jmorru kontra l-ordni u l-paċi pubblika.

It-twaqqif tal-Bord tal-Parole u l-opportunitajiet konnessi ma' din is-sistema tista' tkun ta' inċentiv għal ex-membri tal-Korp tal-Pulizija, sabiex jkunu jistgħu jagħtu sehemhom għas-suċċess ta' din il-Ġustizzja Riparatriċi. Il-Kumitat Eżekuttiv Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta. (17 ta' Ġunju,2009).

# "Caring is vital in what I do... that's why I choose GO"



When choosing your communications provider, go for the company that puts customers first and transmits this into great everyday customer support. It's a company that powers over 469,000 communication services on the island - This is GO.

**Communications and entertainment solutions made for you**

GO

mobile tv phone internet

Call us anytime on Freephone 8007 2121 www.go.com.mt MADE FOR YOU

# TA' MONITA
## RESIDENCE

MARSASCALA – MALTA





setting *standards* in the South







NOW ON THE MARKET!

**GET IN EARLY!**
Pre-construction prices apply to the first few sales only!

Aiming to set new standards for development in the south of the island, **Ta' Monita Residence** in Marsascala shall offer studio flats and 1, 2 and 3 bedroom apartments and penthouses along with a swimming pool, a piazza and underground parking.

The low building density, lavish sensitive landscaping and unusually attractive elevations shall go a long way towards upgrading the locality.

Ta' Monita Residence is a Special Designated Area which means that foreign purchasers buy under the same conditions as Maltese Nationals, i.e. no government permits are required and one may let out the property and buy in the name of individuals or companies.

Ta' Monita Residence is being developed by TumasGasan Holdings Ltd; a joint venture between two leading Maltese developers.

**Detailed models and plans are available for viewing at our Sales Office.**

For more information, visit our website or call our sales office:

TA' MONITA RESIDENCE SALES OFFICE, 1052 Portomaso, Malta PTM 01
tel: + 356 2138 6802/2310 2310; fax: + 356 2135 1798.
e-mail: mtabone@tumas.com www.tamonita.com

TA' MONITA
RESIDENCE
MALTA

TUMAS GROUP GASAN

# Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fl-okkazzjoni ta' Jum il-Pulizija

*Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju fl-okkazzjoni ta' Jum il-Pulizija, l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech mexxa quddiesa konċelebrata fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Fl-omelija tiegħu l-Isqof Grech wassal dan il-messaġġ:*

"Fis-soċjeta' tagħna għandna ħafna kuntrasti bejn dwal u dlamijiet! Għall-bniedem li huwa nieqes mid-dawl interjuri, ħajtu mhux biss hija disorjentata, imma tkun f'riskju.

Xi uħud iħobbu d-dlam aktar mid-dawl għax l-għemil tagħhom huwa ħażin. Min imdorri jagħmel għażliet żbaljati għandu diffikulta biex f'ħajtu jilqa' d-dawl. Imbagħad, jeżistu organiżazzjonijiet u sistemi li jaqblilhom li jżommu lil bniedem fid-dlam.

Quddiem din ir-realta', is-soċjeta' għandha d-dmir li tipprovdi gwida biex iċ-ċittadini jkunu 'ulied id-dawl' u jgħixu ħajja umanament dinjituża. Din il-gwida għandha tkun offruta mill-liġijiet tal-pajjiż. Il-Pulizija huma l-gwardjani li, ħafna drabi b'sagrifiċċju personali u familjari, jaraw li dawn in-normi huma rispettati.

Ma humiex il-liġijiet li jfasslu l-ħajja tal-bniedem, imma hija l-ħajja umana l-għajn tal-liġijiet. Il-liġijiet u l-applikazzjoni tagħhom huma strument biex il-ħajja tal-persuna tkun rispettata mit-tnissil sal-mewt naturali.

Bħal fiż-żmien il-Moviment Illuminista, ir-raġuni umana kienet għodda valida biex il-bniedem kiseb id-dawl, hekk ukoll llum l-bniedem jista' bir-raġuni jiddistingwi bejn id-dawl u d-dlam. Imma ċerti għażliet irrazzjonali ta' żmienna jikkonfermaw li bil-fakulta' tar-raġuni waħidha, mhux dejjem hemm garanzija li l-bniedem jagħżel l-għemejjel tad-dawl minn dawk tad-dlam!

F'dan in-nisrani jsib l-għajnuna tal-kelma ta' Kristu li huwa 'id-dawl tad-dinja u min jimxi warajh ma jimxix fid-dlam imma jkollu d-dawl tal-ħajja (Gw 8.13)'.

Għalhekk għall-Pulizija li xogħolu huwa li jgħin lis-soċjeta' tħobb id-dawl, Kristu huwa gwida u għajnuna kbira.

FIMBANK

**FIMBank Classic Term Deposit**



**3% p.a.**

**12 Month EURO Term Deposit.**

**Minimum Deposit €50,000.**

*We also pay premium rates for US Dollar and Pound Sterling.*

FIMBank plc,
7th Floor, The Plaza Commercial Centre,
Bisazza Street, Sliema SLM 1640, Malta.
Tel: +356 2132 2100 E-mail: ftd@fimbank.com
**www.fimbank.com**

**FREEPHONE: 8007 3110**

FIMBank plc is a licensed credit institution in Malta, regulated by the MFSA and listed on the Malta Stock Exchange. Terms and conditions for this offer are applicable and available upon request. This Euro based product falls within the Depository Compensation Scheme established pursuant to the Banking Act. Rates are correct at the time of going to press. FIMBank plc reserves the right to change such rates and/or conditions without further notice. The value of your deposit and interest payable may be subject to currency exchange rate fluctuations, depending on the depositor's reference currency.

# Laqgħa tal-HENU (Heads of Europol National Unit) organizzata ġewwa Malta.

Supt. Edward Mangion

Fil-ħarġa ta' Settembru 2008 ta' din ir-rivista, kont spjegajt il-funzjonijiet tal-ENU ġewwa pajjiżhom, kif ukoll ir-rwol tal-HENU fi ħdan l-organiżazzjoni ta' l-EWROPOL. F'dik il-ħarġa tal-magazijn tagħna, kont ukoll indikajt il-mod ta' kif jit-fassal ix-xogħol tal-HENUs, permezz ta' laqgħat regolari li jiġu msejjħa madwar sitt darbiet fis-sena.

Normalment, dawn il-laqgħat jiġu organizzati ġewwa l-Kwartieri ta' l-EWROPOL fl-Ajja, l-Olanda. Iżda fl-4 u l-5 ta' Mejju ta' din is-sena, il-HENU ġew immsejħa biex jiltaqgħu ġo Malta. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja ta' dan il-grupp. Jiena ħadt din l-inizzjattiva minħabba l-fatt li din kienet ser tkun l-aħħar laqgħa tiegħi mal-HENU fil-kapaċita' ta' Chairman tal-grupp. Ħsibt ukoll li din kienet opportunita' unika biex inkun nista' nuri pajjiżi aktar mill-viċin lil numru ta' kollegi li kienu għadhom raw stampi, semgħu, jew qraw biss dwar il-gżejjer tagħna.

**Iċ-Chairmanship tal-HENU.**

Meta kont ġejt maħtur bħala Chairman tal-grupp HENU, f'Mejju ta' l-2008, kont naf li din ma kenitx ser tkun kariga faċli, speċjalment minħabba l-fatt li fl-istess waqt kien ser ikolli nibqa' nieħu ħsieb l-Uffiċċju ta' Kollegament ta' Malta waħdi, bħala l-uniku uffiċjal Malti fl-EWROPOL. Imma minkejja dan, kont naf ukoll li la sħabi tal-HENU kellhom fiduċja biżżejjed biex jappoġġjawni għal din il-ħatra, stajt inser-raħ moħħi li dawn kienu ser ikunu warajja b'assistenza u pariri bbażati fuq snin ta' esperjenza fil-kamp tal-koperazzjoni internazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Fl-eżekuzzjoni ta' din il-kariga kelli wkoll sapport siewi mis-segretarja tal-HENU, is-sinjura Margaret Hennessey-Doyle, kif ukoll minn bosta kapijiet ta' uffiċċji ta' kollegament ta' diversi pajjiżi oħra. Ngħid ukoll li l-istaff ta' diversi sezzjonijiet ta' l-EWROPOL kien ukoll ta' għajnuna kbira b'mod ġenerali.

Matul is-sena li għamilt bħala Chairman tal-HENU, iltqajt ma numru ta' sfidi, iżda waħda mill-akbar minn dawn kienet l-organiżazzjoni tal-laqgħa ġewwa Malta. Hija tradizzjoni tal-grupp, li ċ-Chairman isejjaħ l-aħħar laqgħa ta' l-inkarigu tiegħu ġewwa pajjiżu stess, iżda dan mhux dejjem iseħħ. Per eżempju f'dawn l-aħħar snin ġew organiżżati laqgħat simili ġewwa l-Ungerija u l-Polonja, iżda mhux f'xi pajjiżi oħra.

**Il-Laqgħa tal-HENU f'Malta.**

Kif wieħed jista' jaħseb, l-organiżazzjoni ta' laqgħa bħal din barra mill-kwartieri tal-EWROPOL, tinvolvi varji aspetti ta' xogħol u ppjanar. Aktar minn 70 delegat, minn 'il fuq 30 pajjiż attendew din il-laqgħa li wasslet għal jumejn sħaħ ta' diskussjonijiet fuq diversi oqsma. Fost dawn, ta' min isemm l-fajls tal-analiżi tal-EWROPOL, l-iffinanzjar ta' laqgħat operazzjonali, l-immigrazzjoni llegali ġewwa l-Mediterran, il-kunċett tal-JITs (*Joint Investigation Teams*), il-*Principle of Availability*, kif ukoll is-sistema l-ġdida tal-iskambju tal-informazzjoni tal-EWROPOL, u ċioe' is-SIENA (*Secure Information Exchange Network Application*). Minbarra dan, ġew organizzati ukoll żewġ *workshops* rispettivament fuq il-kooperazzjoni bejn l-EWROPOL u l-EWROJUST, u rigward it-titjib fil-proċessi impjegati fil-fajls analitiċi ta' l-EWROPOL.



*Laqgħa tal-HENU ġewwa l-Kwarteri ta' l-EWROPOL fl-Ajja, l-Olanda.*

Nhar il-Ħadd filgħaxija, mal-wasla tagħhom ġewwa l-lukanda Excelsior, fejn seħħet il-laqgħa, id-delegati kellhom riċeviment ta' merħba. Dan kien segwit minn attivita' kulturali fil-forma ta' kaċċa għat-teżor li ġiet imħejjija ġewwa l-Birgu. L-għada filgħodu mill-ewwel beda x-xogħol tal-HENU, hekk kif infetħet il-laqgħa minni stess, kif ukoll mid-Direttur il-ġdid ta' l-EWROPOL is-sur Rob Wainwright, li wjaġġa lejn Malta apposta għal din il-laqgħa bħala wieħed mill-ewwel inkarigi tiegħu bħala l-kap il-ġdid ta' l-organiżazzjoni. Wara jum ta' xogħol fuq aġenda mimlija daqs bajda, l-EWROPOL stiednet lill-HENU għal ikla ġewwa l-lukanda stess. Matul din l-ikla, il-HENU kellhom akkumpanjament mill-aqwa, mill-grupp mużikali tal-Pulizija ta' Malta, li daqqew numru ta' diski popolari.

**Membri tal-HENU fil-bidu ta' l-attivita' kulturali ġewwa l-Birgu.**

Peress li din kienet ukoll l-aħħar laqgħa tiegħi bħala Chairman ta' dan il-grupp, kellu wkoll jintgħażel kap ġdid għall-HENU. Fil-fatt kien hemm żewġ kandidati li kkontestaw għal din il-kariga, u fl-aħħar ġie elett ir-rappreżentant tal-Finlandja s-Sur Anssi Kangas. Is-Sur Lenno Reimand mill-Estonja kien maħtur

bħala viċi-kap tal-grupp fi żvilupp ieħor ġdid għall-HENU (s'issa kien jinħatar Chairman biss, mingħajr viċi-kap).

Wara sena bħala l-kap ta' dan il-grupp, nista' ngħid li tgħallimt ħafna affarjiet ġodda u ħadt ukoll ħarsa minn angolu differenti lejn il-EWROPOL. Kienet sena interessantissima bi sfidi ġodda u diversi mumenti diffiċli. Iżda f'Mejju li għadda, inħoss li għaddejt f'idejn il-kollega Finlandiż, grupp sod b'viżjoni lejn numru ta' impenji konkreti għall-futur ta' l-EWROPOL. Nittama li f'din is-sena d-dieħla, il-grupp HENU jkun jista' jkompli jibni fuq ix-xogħol li sar s'issa.



*Il-grupp HENU waqt waħda mis-sessjonijiet f'Malta.*

*Nieħu din l-opportunitá biex nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-kollegi kollha tiegħi, fl-Ewropol, fil-grupp HENU, kif ukoll fl-ENU u fil-Pulizija ta' Malta għall-appoġġ tagħhom. Mingħajr dan l-appoġġ, din il-laqgħa ma setgħatx tkun is-suċċess li kienet. Nirringrazzja wkoll lill-istaff tal-Ministeru tat-Turiżmu, kif ukoll lis-Sindku tal-Birgu, is-Sur John Boxall, tal-għajnuna tagħhom fir-rigward ta' din il-laqgħa. Nieħu pjaċir nirċievi l-kummenti tagħkom u nagħmel mill-aħjar biex inwieġeb xi mistoqsijiet li jista' jkollkom.*

*Insellem lill-ħbieb u kollegi kollha fil-Korp tal-Pulziija. Jekk ikollkom bżonn aktar informazzjoni dwar l-EPOL, dwar il-HENU, jew dwar l-Uffiċċju Malti ta' Kollegament fi ħdan l-EPOL, tistgħu tagħmlu kuntatt miegħi permezz ta' dawn il-mezzi:*

- Tel.: 0031 70 353 1470
- Fax.: 0031 70 353 1425
- Mob.: 0031 6 1730 0264
- E-Mail: edward.mangion@europol.europa.eu





*All the rooms of your home deserve*



**JB**
**STORES**

**Open All Day**



Curtain fabric - Ready made curtains - Haberdashery - Bedspreads & Bed sheets - Pillows - Throw overs - Cushions - Bathroom Towels - Carpets - Shades - Fashion fabric - Bags Luggage - Household Goods - Loose Furniture Computer Desks - Mirrors - Frames - Dinner Sets and so much more!

Iklin - Gallarija Fgura - High Str., Hamrun
tel: 23314301

www.jbstores.com



"Kien kunċert ta' ċertu kalibru u forsi l-akbar kunċert vokali u strumentali li qatt kellha l-Banda tagħna. Għal dan il-kunċert, li d-dħul minnu mar favur il-Community Chest Fund"

# SEHEM IL-BANDA TAL-KORP TAL-PULIZIJA FIL-KOMMEMORAZZJONIJIET TAL-195 ANNIVERSARJU MILL-FONDAZZJONI TAL-KORP - 1814 - 2009.

Senior Insp. Anthony Cassar

Ma jistax jonqos li waħda mill-isbaħ esperjenzi li kellha l-Banda tal-Korp tal-Pulizija kemm ilha li reġgħet ġiet rijattivata tul dawn l-aħħar ħmistax-il sena kienet propjament dik tal-Kunċert Vokali u Strumentali li ġie mtella' mill-istess Banda fis-Sala Repubblika ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju, 2009.

Dan il-Kunċert sar fl-okkazzjoni tal-kommemorazzjoni tal-195 Anniversarju mill-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll fl-okkazzjoni tad-90 Anniversarju minn mindu twaqqfet il-Banda tal-Korp fl-1919 u l-15-il-Anniversarju minn meta reġgħet ġiet rijattivata l-aħħar il-Banda fis-sena 1994.

Is-Sala majestuża u tant attrezzata, il-kobor tal-palk imżejjen għal din l-okkazzjoni u mżewwaq b' wirja awdjo-viżiva mill-isbaħ tul il-kunċert kollu, flimkien mal-applawżi tal-pubbliku numeruż preżenti li mela kull rokna tas-sala - din ma setatx ma tkunx tassew serata li tibqa' mfakkra għal dawk li għandhom għal qalbhom il-Korp u l-Banda tal-Pulizija.

Kien kunċert ta' ċertu kalibru u forsi l-akbar kunċert vokali u strumentali li qatt kellha l-Banda tagħna. Għal dan il-kunċert, li d-dħul minnu mar favur il-Community Chest Fund, attenda l-Viċi Prim Ministru l-Onor. Dr. Tonio Borg, il-Ministru tal-Intern l-Onor. Dr. Carm Mifsud Bonnici, u d-Deputat Kummissarju Joseph Cachia fost diversi mistiedna distinti oħra.

Kien waqt l-ikla tal-Festi tal-Milied fix-xahar ta' Jannar ta' din is-sena li organizzaw il-membri tal-Banda tagħna fir-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk li ħarġet l-idea dwar il-possibbilta' ta' kunċert vokali u strumentali f'xi tejatru nazzjonali. L-idea ħareġ biha ħabib kbir tal-Banda tal-Pulizija, is-surmast Joe Brown li offra wkoll li jiġi jdoqq huwa stess mal-Banda flimkien ma' xi mużiċisti oħra professjonali u anke xi kantanti versatili lokali. Mhux l-ewwel darba li Joe ta' l-għajnuna tiegħu lill-Banda u kien għalhekk li deherilna li kellna nistiednuh magħna dak in-nhar, ridna ngħidulu 'grazzi' b'dan il-mod.

Il-Kummissarju li kien il-mistieden prinċipali dak in-nhar flimkien mas-Supretendent Dr. Mario Spiteri mill-ewwel laqa' din il-proposta ta' Maestro Joe Brown. Fil-fatt ġara wkoll li minħabba li din is-sena f'Jum il-Pulizija ma setgħetx issir is-solita Parata f'Misraħ San Ġorġ minħabba up-grading li qiegħed isir, ġie deċiż li jkun il-mument opportun li minflok il-parata għal din is-sena isir dan il-kunċert. Xejn xejn, dan seta' jkun avveniment speċjali li bih jiġu kkomemorati dawn it-tliet anniversarji li semmejna aktar 'il fuq.

Ġie approvat mill-Kummissarju li sabiex issir ċelebrazzjoni speċjali aktar mis-soltu flimkien mal-Banda tagħna tiġi mistiedna wkoll ensemble ta' bandisti professjonali flimkien ma' kantanti versatili magħrufa, backing vocalists u anke kor.

Saru preparamenti kbar li iżda bħas-soltu saru fi żmien relattivament qasir minħabba esiġenzi tas-servizz. Din id-darba dawn il-preparamenti ma setgħux isiru kollha fis-sala tal-Banda tagħna iżda ħafna minnhom, grazzi għall-Kmandant tal-Akkademja tal-Pulizija Ronald Kelly, saru fis-sala tal-Ministeru. Dan għal fatt li għal grazzja t'Alla kellna element bandistiku ta' ħamsa u tmenin ruħ li fost oħrajn kienu jinkludu tliet orgnijiet kif ukoll xi strumenti oħra li mhux dejjem ikollna x-xorti li nisimgħu leħinhom fil-Banda tagħna.

Bis-sehem ta' dawn il-mużiċisti kif ukoll bit-tħabrik tal-mużiċisti tagħna li f'okkazzjonijiet bħal dawn dejjem qamu għall-okkazzjoni, l-ħoss tal-Banda emiljora ħafna. Dan mhux qed ngħidu jien iżda qaluh dawk preżenti fosthom anke VIP's li kienu mistiedna għal dan il-kunċert.



Żgur li ma nistax ninsa wkoll il-bandisti li applikaw sabiex jingaġġaw fil-Korp tal-Pulizija li pparteċipaw mal-Banda f'dan il-kunċert u kienu wkoll strumentali għas-suċċess tiegħu. Dawn ukoll għamlu sagrifiċċju billi mill-ħin tagħhom attendew għal ħafna mill-preparamenti li għamlet il-Banda.

Flimkien mal-mużiċisti kellna wkoll diversi kantanti versatili – fosthom lil LUDWIG GALEA, li issa ilu għal diversi snin jieħu sehem mal-Banda tal-Korp, kif ukoll lil grupp TRILOGY, li wkoll mhux l-ewwel darba li pparteċipa mal-Banda tagħna. Kellna wkoll għall-ewwel darba lil kantanti DEBBIE SCERRI, RAQUELA u GLENN VELLA. Imbagħad kellna grupp ta' backing vocalists imħarreġ minn Abigail Brown u l-Kor Symphonik taħt id-direzzjoni ta' Maestro Steve Ferrito, li miegħu pparteċipaw ukoll żewġ membri tal-Korp PC 481 Paul Zammit u PC 981 Charles Grima.

Ma ninsewx ukoll il-Pipes & Drums tal-Banda tal-Korp taħt it-tmexxija tad-Drum Major tal-Banda is-Surġent Kevin Vella flimkien mal-Wallace Pipes & drums u l-Msida Sea Scouts Pipes & Drums

Ħadna gost ukoll li għall-ewwel darba fl-istorja tal-Banda tagħna pparteċipaw ukoll mal-Banda f'dan il-kunċert b'rakkomandazzjoni tal-Kummissarju l-Precision Drill Team tal-Korp taħt id-direzzjoni tal-Ispettur Stephen Mallia.

Kellhom ukoll jieħdu sehem mal-Banda erbgħa koppji mill-iskola taż-żfin Mannick Dance School mill-Mosta iżda dan ma setgħax isir minħabba li għalkemm il-palk huwa wieħed kbir mhux ħażin iżda xorta waħda ma kienx hemm spazju biżżejjed għalihom minħabba n-numru kbir ta' parteċipanti li kellna.

Bħala comperes kellna lis-Surġent Marlene Falzon u magħha lis-Sur Peter Carbonaro li huwa magħruf fil-qasam tax-xandir u li t-tnejn għamlu xogħolhom tajjeb.

Il-kunċert kien jinkludi sittax-il silta/ selezzjoni mużikali fosthom `Toccata in D minor` ta' Johann Sebastian Bach, is-selezzjoni `The Phantom of the Opera` ta' Sir Andrew Lloyd Webber` li kellha arranġament għall-banda ta' Maestro Joe Brown, il-`Va Pensiero` mill-opera Nabucco ta' Giuseppe Verdi, is-selezzjoni `James Bond Suite` fuq arranġament għall-banda ta' Frank Erickson, is-silta `You're the Voice` fuq arranġament għall-banda ta' Maestro Joe Brown, `I want to spend my life time loving you` minn The Mask of Zorro fuq arranġament ta' Maestro Ray Zammit, `O Fortuna` mill-Carmina Burana ta' Carl Orff, is-silta `Music` ta' John Miles, `Music from Gladiator` ta' Hans Zimmer, `Ameno` tal-Grupp ERA, is-silta `Beautiful` fuq arranġament għall-banda ta' Maestro Sigmund Mifsud, is-selezzjoni `Pirates of the Caribbean` ta' Hans Zimmer, is-silta 'Vivo per Lei' ta' Mario Manzani, 'Waltz No. 2' tal-kompożitur Dmitri Shostakovich, is-selezzjoni `Abba Gold` fuq arranġament għall-banda ta' Ron Sebregts u fl-aħħarnett is-selezzjoni `Queen in Concert` fuq arranġament għall-banda ta' Maestro Ray Sciberras.

Il-kunċert għalaq bl-Innu tal-Korp tal-Pulizija, fuq mużika tal-Ispettur Anthony Cassar u lirika tal-ex-Spettur Alfred Debattista u l-Innu Nazzjonali.

Il-VIP's u l-mistiedna li kien hemm għal dan il-kunċert, qabel ma niżlu fis-sala ta' Dar il-Mediterran setgħu ukoll jassistu għall-wirja mill-isbaħ ta' ritratti black and white tal-Banda tal-Pulizija, il-Precision Drill Team kif ukoll tad-diversi taqsimiet tal-Korp tal-Pulizija. Din il-wirja ta' ritratti professjonali ttellgħet f'isem il-Korp tal-Pulizija mill-fotografu Stephen Busuttil. Il-mistiedna ġew ukoll mogħtija souvenir programme sabiħ bil-kulur li għal ħafna żgur li jibqa' jinżamm bħala tifkira ta' dan il-kunċert.

Irridu ngħidu prosit u grazzi lil bandisti tagħna u lil kull min għen, u dawn huma lista tabilħaqq twila ta' individwi kemm minn ħdan il-Korp u kemm anke minn barra l-Korp, li lkoll ħadmu mingħajr interessi sabiex jittella' dan il-kunċert. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk li għenu lill-Banda tagħna minn wara l-kwinti u li x-xogħol tagħhom għalkemm ma jidhirx kien tassew imprezzabbli u li kkontribwixxa għas-suċċess ta' dan il-kunċert. Fost dawn insibu lill-membri tal-Banda PC286 Thomas Attard, PC274 James Turner, PC 472 Mark Farrugia u PC836 Joseph Vella li minbarra li bħas-soltu taw is-sehem sħiħ tagħhom mal-Banda bid-daqq, taw ukoll sehem ieħor bil-wisq akbar li għalkemm ma jidhirx huwa imprezzabbli.

Grazzi wkoll lil dawk kollha li għamlulna ħafna kuraġġ b'kummenti mill-isbaħ dwar dan il-kunċert u fl-aħħarnett iżda mhux l-anqas lill-Kummissarju tal-Pulizija nniffsu li bil-permess ġentili tiegħu sar dan il-kunċert Vokali u Strumentali.

Domine Dirige Nos



**"We Are Getting Bigger To Serve You Better"**

*We are temporarily operating from the 2nd floor within our existing building.*
*Our newly refurbished 3 storey showroom will be ready in November*



BOND'S

Clever Design in Kitchens & Homes

Bond House, Notabile Road, Attard BZN 03, MALTA

**www.bondsmalta.com**

TEL: (+356) 21 436 405/7, FAX: (+356) 21 436 360

# Segway Patroller Model

SEGWAY
Malta

**Introducing the Segway Patroller. Featuring enhanced visibility through highly reflective surfaces and an integrated lighting system, the new features were designed to optimize the patrol experience. Learn more at www.segway.com/patrol.**



**Patroller Bag**
With battery storage, water bottle holder, and keychain clip




**Upper Reflective Shield**
Provides location for department insignia

**Integrated Lighting System**
Red/blue or amber/white light color options

**Front Bumper**

**Lower Reflective Shield**
Customizable lettering in multi-languages

**Lower Cargo Frames**

**Comfort Mats**

Available in reflective white or optic yellow with custom "POLICE" (multi-languages available) or "SECURITY" lettering




**Optional Accessory Bar**

Available as both i2 Patroller and x2 Patroller




| | Weight | | Tire | | | | Footprint | | Max Speed | | Range | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| x2 Patroller | 120 lbs. | 54.4 kg | 8" | Width | 20 cm | Width | 21" x 33" | 67 cm x 84 cm | 12.5 mph | 20 km/h | Up to 12 mi | Up to 19 km |
| i2 Patroller | 105 lbs. | 47.7 kg | 19" | Diameter | 48 cm | Diameter | 19" x 25" | 48.26 cm x 63.5 cm | 12.5 mph | 20 km/h | Up to 24 mi | Up to 38 km |

Segway® and the Segway 'flyguy' logo are registered trademarks of Segway Inc. ("Segway"). Other marks including InfoKey and LeanSteer, are trademarks or common law marks of Segway. Segway reserves all rights in its trademarks. Copyright © 2009. Segway Inc. All rights reserved.

**Segway MALTA**
Hard Rocks Industrial Park Burmarrad Road, Naxxar NXR 6345 - Malta
**t:** +356 2099 8925 - **f:** +356 2143 8926 - **e:** info@segwaymalta.com

# Il-Beritta waqt is-sewqan

Martin Pace - Segretarju Ġenerali MPA

*U ma tarax li ser nilbes il-beritta waqt li nkun qiegħed insuq, la bil-karozza tas-servizz wisq aktar bil-karozzi tiegħi.*

Naħseb li din il-frażi jew attitudni tagħna l-Pulizija ili nisimagħha u nistqarr li nwettquha. Donnu li l-membri tal-Korp dejjem ikollna fuqiex niddiskutu u nqanqlu kontroversja. Nibda mill-ewwel li sakemm hemm l-ordni li hi maħruġa bis-saħħa tal-liġi din għandha tiġi mħarsa.

Iċ-Ċirkulari GHQ Cir. 113/2001 tgħid: *"[...] with immediate effect, all police personnel are to wear the full winter uniform (slacks and tunic) at all times during their tour of duty, as well as the service cap when outside their respective station, and out on the street. If any item is missing, it is deemed that the officer is improperly dressed. The failure to wear the service cap even whilst driving a private vehicle is also deemed to be improperly dressed[...]"*

Waqt li GHQ Cir. 127/04 tgħid: *"Head-dress must be worn at all times, except when a member is in a police station or other building. However, this does not apply when performing security duties, such as with banks, VIP Protection, also in hotels, etc [...]'*

Imma ma fiha xejn li jien bħala membru tal-Korp u aktar bħala Uffiċjal fl-Assoċjazzjoni, niċċalinġġja sabiex jibda dibattitu fuq hekk. Ħarsa lejn il-ktejjeb *"L-Impenn Tagħna 2004-2006"*, insibu dan il-kliem: *"ninkorraġġixxu l-ħaddiema tagħna biex 'jisfidaw' ċertu prattika tradizzjonali u jesponu l-opinjonijiet tagħhom sabiex aħna ntejbu xogħolna, nippromwovu l-kommunikazzjoni miftuħa fil-livelli kollha tal-organiżazzjoni tagħna. Irridu li l-ħaddiema u l-pubbliku jkunu nfurmati filwaqt li nirrikonoxxu l-isforz u l-innovazzjoni, jiġu minn fejn jiġu."*

Jien hekk biħsiebni nagħmel f'dawn il-ftit sentenzi. F'Awwissu tas-sena l-oħra, kien hawn Malta fuq żjara privata mal-familja tiegħu s-Sur Ron Tournier, President tal-Union tal-Pulizija fl-Olanda (ANPV). Waqt li konna fit-telgħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq għaddiet karozza tal-Mobile u kif għaddiet, is-Sur Tournier staqsini għaliex nilbsu l-beritta waqt li nkunu qed insuqu l-vettura tas-servizz.

Jien għidtlu li dawk huma l-ordnijiet u hekk għandna nagħmlu. Ma lħaqtx spiċċajt dawn il-kliem fejn qalli dawn il-preċiżi kelmiet: *"What a stupid and health & safety risk custom"*. Dawn huma nies li ma jomodux il-kelma u ngħid il-verita', m'għidtx kelma oħra.

Dan is-suġġett ġiegħli tqajjem fil-kuriduri tad-Depot, fejn uffiċjal ikun imdawwar b'xi erba' minn nies jitħaddet fuq din l-imbierka beritta waqt is-sewqan u jinħoloq dibattitu serju fuq hekk. Hemm min jgħid li din l-ordni għandha titneħħa u hemm min jgħid li ordni hija dejjem ordni u jieqaf hemm. Imbagħad ikun hemm is-solti bravi fil-Korp li huma passivi u ma jimpurtahom minn xejn. Hemm membri tal-Korp li jixtiequ li ssir riċerka u studju fuq dan is-suġġett sabiex naraw jekk nistgħux insuqu l-karozzi tas-servizz mingħajr il-beritta u jekk jaffetwax il-*performance* tagħna.

Dan huwa dibattitu li ilu sejjer fil-Korp. Għandna l-*Health & Safety officer* tagħna li naħseb li dan is-suġġett ġiegħli ltaqa' miegħu u esprima opinjoni. Nistgħu ngħidu li matul iż-żmien anke l-għamla tal-beritta ta' xi sezzjonijet fil-Korp inbidlet (illum hemm ukoll il-*baseball cap*) u jidher li dawn il-membri meta jkunu fil-vetturi tagħhom kważi qatt ma tarhom mingħajrha. Jista' jkun li din hija aktar komda għas-sewqan u għalhekk hemm inqas riskju kemm għas-sewqan u inqas tentazzjoni li wieħed jaqbad u jneħħi l-beritta.

Peress li l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta (MPA) hija membru fl-Għaqda Ewropea CESP, staqsejna lill-membri sħabna jekk il-membri tagħhom jilbsux il-beritta waqt li jkunu f'vettura. Dawn li ġejjien huma il-pajjiżi li laħqu tawna it-tweġiba tagħhom: - il-Bulgarija, l-Italja, il-Portugal, is-Slovenja, Franza, il-Ġermanja, l-Olanda, is-Serbja fejn kollha qalulna li l-Pulizija ta' pajjiżhom ma jilbsux beritta waqt li jkunu fil-vettura.

Niżżilt dawn il-linji gwida minn fuq l-internet u rajt xi jgħidu l-Pulizija ta' Suffolk u Doreset fir-Renju Unit.

*Suffolk Constabulary Policies & Procedures THE DRIVING OF POLICE VEHICLES Uniform - Marked Police Vehicles*

*Police Officers, PCSO's, Special Constables and Police Staff Drivers must wear uniform at all times when driving police vehicles readily recognizable as such. Police Officers, PCSO's and Special Constables must wear headgear when out of the vehicle.*

*Dorset Police Standards of Dress and Appearance Policy*

*2.3 Officers will wear headwear when in public view. Male officers will wear the standard beat helmet and female officers will wear the police bowler. Officers are not required to wear headwear whilst driving or a passenger in a marked police vehicle, but will wear a flat cap, helmet or bowler*

*when out of the vehicle. The only exception will be when to locate, put on or keep on the headwear would cause a health and safety risk and therefore undermine the efficient and effective performance of duty.*

Insomma, jien bdejt dan id-dibattitu fuq il-magazin tagħna, li huwa strument tajjeb ta' kommunikazzjoni ħajja, nittamma' li dan is-suġġett jiġi trattat bis-serjeta' u naraw x'inhu l-aħjar interess tagħna lkoll rigward sewqan bil jew mingħajr beritta. Is-sewqan it-tajjeb speċjalment f'xi skwadra b'xift ta' tmien siegħat ta' sewqan fit-toroq tagħna u oħrajn.

**Il-pjanijiet għall-Għassa tal-Belt Valletta**

Kulħadd sema' bil-pjanijiet tal-Perit Renzo Piano għad-daħla ta' Bieb il-Belt u l-inħawi. Oħroġ l-għaġeb f'dawn il-pjanti, fejn il-lum hemm l-Għassa tal-Pulizija, ser ikun hemm pjazza u taħt din il-pjazza ser jkun hemm xi kmamar fejn issir tibdil għal-artisti li ser jieħdu sehem fit-teatru miftuħ. Meta pruvajt nara fejn ser tkun l-Għassa tal-Pulizija l-ġdid jew jekk ihiex fil-pjanijiet tal-Perit Piano, il-bini tal-Għassa la tidher u anqas nafu fejn ser tkun għax għad ma ġiex identifikat post alternattiv.

Inħossni verament imdejjaq meta tara li hemm ippjanat li ser jintefqu miljuni kbar ta' Ewro għall-proġett sabiex minflok Bieb tal-Belt ser ikollna fetħa fis-sur, minflok it-triq fuq Bieb il-Belt tal-lum mhux ser ikollna fejn indawru t-traffiku ċirkulari għal-Belt, fejn għandna it-tifrik tat-Teatru Rjali ser ikollna Teatru miftuħ, fejn hemm pjazza ser nibnu bini (Parlament) u fejn hemm bini (Għassa) ser nagħmlu pjazza. Ħsibna għal kulħadd imma fejn jaħdmu l-Pulizija fil-belt Kapitali ta' pajjiżna ma ħsibniex. Bħas-soltu jidher li aħna l-Pulizija ħadd donnu ma jaħseb fina sakemm ma jkollux bżonn jiġi protett. L-Għassa li hemm sal-lum ġiet inawgurata fis-sena 1999. Qabel konna taħt il-bini tal-Qorti, qabel konna........ imqar ħażżeż ukoll l-Għassa tal-Pulizija, għallinqas ikollna pjanta ta' Għassa tal-Pulizija minn Renzo Piano. Imma forsi Għassa tal-Pulizija hija wisq kumplikata għal-Arkitett ta' fama mondjali.

Martin Pace
Segretarju Ġenerali MPA.


# The Holy Mountain – Malta 2009

**The Shaolin Monks (Henan, China) & The Masters of Kalaripayattu (Kalari, India)**

Kalaripayattu is the oldest existing martial art form, dating back more than 2000 years and said to be the forerunner of popularly known Chinese martial arts, as the Buddhist monk Bodhidharma took this knowledge from India to China.

Millions of years ago, before our planet demerged from the infinite energy of the universe, points of special power formed on the earth – springs of mysterious energy in which the immense power of being in spiritual mastery metamorphosed. China – the gigantic empire in the earth´'b4s middle – has 5 holy mountains: the Hengshan in the north, the Hunshan in the south, the Huashan in the west and the Taishan in the east.

If you connect these four mountains with an imaginary line you will find, at the point of intersection, the most holy of places – the mighty Songshan Mountain. Here, at the center of energy, unusual things happened in the course of the centuries which influenced the spiritual development of our earth with lasting effect.

This is the history of Bodhidharma, the founder of Zen Buddhism and the creator of Kung Fu, a living legend. A true story, handed down and told through the centuries. The story of the search for light and the longing for enlightenment.

The story of body and soul, of peace and energy, of knowledge and wisdom, lived in perfect harmony.

This is the story of Zen and Shaolin Kung Fu. Follow us into the mysterious world of the monasteries and temples at the foot of the holy SongShan Mountain, in the heart of China. We show the life and work of the monks, the origin and the mysticism, the truth and beliefs. Accompany us on a trip into the depths of world religions and in the secrets of the balance between the spiritual and physical health of human beings.

Within the framework of his new Shaolin-Show "The holy mountain", show producer Herbert will present for the first time these links by bringing them on stage. Therefore he engaged five of the best Kalaripayattu - masters in India who will now compete for the very first time with the Shaolin monks. Standing Ovations shall present The Holy Mountain live at The Mediterranean Conference Centre, Valletta, on 6, 7 & 8 November 2009.

For reservations call MCC on 25595750/1 or send mail to bookings@mcc.com.mt

MCC Box Office: Mon to Fri; 10:00 - 13:00 & 17:00 – 19:00. Sat; 10:00 – 13:00.

Gozo Box Office: Call 21558266 or 79815541.

For further information: either send a mail to info@standingovations.com.mt visit www.holymountaininmalta.com or call helpline, 7955 7988.









**25% discount to all members of the police force plus one guest. This offer applies to all bookings made prior to 15th October 2009.**


Surveillance technology
for the World
For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.
The ability to deliver live and recorded video straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in a system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to others areas of the organization.
Casino and Online Gaming
We provide a suite of products for this fast growing and emerging market. With abilities to stream Hi Definition video at real time frame rates.
Banking
Preventing ATM fraud plus wider banking/financial applications.
Law Enforcement
Supporting law enforcement and all emergency services.
DV-IP
Transportation
Security Vans, Buses, Freight Carriers and HGV fleets
Small, Medium to Enterprise Solutions
Secure your home, office or your Multinational Business from one hub with a system which is infinitely scaleable and integrate able.
www.dedicatedmicros.com
PSi Product of the Year Awards 2003
WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1
WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS WINNER 2·0·0·2
BLB 017 Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN 3000
Fax 21 449 170 · E-mail: sales@dmicros.com.mt · For more information call
DEDICATED MICROS
Tel: 2381 9238 – 2148 3673

**From:** michael farrugia
**Sent:** Sun 5/17/2009 09:04 PM
**To:** Harrison Neil at MJHA
**Cc:** Ciappara Nicholas at POLICE
**Subject:** RE: Lecture-Qawra Scouts

Dear Sir

On Behalf of the Qawra Scouts Group I wish to show my appreceation for the very informative lecture given by Inspector Ciappara on Saturday. He was kind enough to make this lecture very interesting by bringing with him a very good presentation and real samples which created a very healthy discussion.

We hope to have the opportunity to meet Inspector Ciappara again for further talks for our teenage kids.

Thank you once again and keep up the good works.

Yours truly

Michael Farrugia
Qawra Scouts

---

PARROĊĊA KRISTU RE – PAOLA
KUMMISSJONI ĠIMGĦA KBIRA
Uffiċċju Parrokkjali, Triq Lampuka, Paola. Tel. 21 695 022 Fax. 21 805 955

Supretendent tal-Pulizija
Distrett Paola
Ghassa ta' Paola

14 ta' April 2009

Sinjur,

F'isem il-Kappillan u l-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira nixtieq nirringrazzja lilek personalment, lil SM Tabone u l-istaff kollu tiegħek tal-għajnuna u l-koperazzjoni tagħkom waqt il-manifestazzjonijiet kollha organizzati mill-Parroċċa tagħna waqt il-ġranet kollha tar-Randan.

Naċċertakom li l-ħidma tagħkom għenet mhux ftit biex l-attivitajiet kollha jkollom is-suċċess mixtieq.

Inti ġentilment mitlub biex iġġib din l-ittra ta' ringrazzjament lil-istaff kollu tiegħek.

Inselli għalikom u nirringrazzjakom ħafna.

Dejjem tiegħek

Lawrence Attard
Seg. Kumm. Ġimgħa l-Kbira

---

# ...oga
# ...ulizija

...ija u tad-Dwana żammew nies li ...wn huma nies li qed isalvaw lill-...a li tant qed tagħmel ħsara.
...lma ta' tifħir lil dawn il-...i huma jaslu għal din il-ħidma ...mi mill-poplu.
...li tagħna, li spiss iħobbu t-tmaqdir ...-Gvern kawża tal-politika, xi ...agni tagħhom tal-gazzetti jġibu

...' dawn — huma min huma — mhux biss il-kapijiet tagħhom ...narawhom fis-sala tal-...hataw il-ġieħ mill-President ta'

...barat, imma saħansitra l-impjegat ...vizz tant utli għall-pajjiż.

**Lorenzo Zahra, Il-Ma...**

...' Ġunju 2009 - Page 8

---

ST. AUGUSTINE'S PARISH
St. Augustine's Priory, Old Bakery Street Valletta VLT 1452
Tel: +356 21238861 +356 21245934 Mob: 79617366 Fax: +356 21233684
Email: osaparish@euroweb.net.mt Website: www.santuwistin.org

8 ta' April 2009

Lis-Supredent ta' l-Ghassa tal-Belt
Mrs Alexandra Mamo

Permezz ta' din l-ittra nixtieq nirringrazzjakhom minn qalbi tax-xoghol u l-imhabba u servizz li intom qeghdin toffru lill-Belt. Nixtieq nghid grazzi wkoll lis-Surgent 697 u lil Pc79, tal-hidma u tas-servizz li tawna waqt il-Via Sagra li saret it-Tlieta7 ta' April 2009

Jiena bhala kappillan dejjem sibt ko-operazzjoni kbira fil-hidma tieghi bhala parrocca mill-membri tal-Korp. Dan huwa sens ta' ghaqda u servizz li tidher fil-membri tal-pulizija li inti responsabli taghhom. Dan huwa xhieda ta' l-imhabba li inti ghandek lejn dawn il-membri.

Jiena nixtieq nirringrazzjakhom ta' kollox u jekk ikollhom bzonn is-servizz tieghi jew ma xi membri tal-Gruppi tal-Parrocca tieghek ahna dejjem lesti li nghinnu.

Grazzi hafna u nitolbu ghal xulxin biex il-Mulej Gesu' jkompli jgr:innhom fil-hidma taghkom u jkompli ibierek lill-familji taghkom.

Dejjem tieghek

Fr Saviour Grima osa
Kappillan

PARROCCA SANTU WISTIN * VALLETTA *

---

# ...ness

...while I signed, and was very helpful and patient throughout.

Such model behaviour and care cannot go unnoticed. I wish to give this officer my grateful thanks.

**Josephine Zammit**
*Hamrun*

---

# Ħajr lill-Korp tal-Pulizija

Sur Editur,

Nixtieq nesprimi s-sodisfazzjon tiegħi li fil-korp tal-Pulizija għandna membri bħas-Surġent A. Zammit u l-Kuntistabbli S. Micallef, li mhux talli jagħqdu dmirhom bħala Pulizija, imma naf fiż-żgur li ġieli ssugraw ħajjithom biex isalvaw l-annimali.

Nemmen li fil-korp hemm ħafna bħas-Surġent u l-Kuntistabbli li semmejt. Nixtieq ngħid grazzi kbira lis-Sinjura Giordano, inwiegħdek li nitlob għalik, biex Alla jagħtik l-għajnuna u s-saħħa.

Mhux l-istess nista' ngħid għal dak il-ġifa li għamel hekk lil dawk il-frieħ, nispera li bħalma jinqabad min jarmi fejn mhux suppost, hekk ukoll jinqabad dan il-ġifa, u nitlob li ma jkunx hemm maħfra.

SHAKIRA CUTAJAR,
Valletta

L-Orizzont: Il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2009 - Page 10

---

HIBERNIANS FOOTBALL CLUB
FOUNDED 1922 • AFFILIATED TO THE MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

HIBERNIANS F.C. PAOLA MALTA

HIBERNIANS FOOTBALL CLUB
114 Pjazza Antoine De Paule., Paola PLA 02
Tel: (+356)21677764
Fax: (+356)21677764, 21240887

1 ta Gunju 2009

Is-Supretendent
Ghassa Tal-Pulizija ,
Rahal Gdid

Sur Gatt ,

B referenza ghal-loghba BOV Premier League Hibernians FC knotra Valletta FC , f isem il-President is-sur Anthony Bezzina u l-Kumitat Ezekuttiv tal-Hibernians FC , nixtieq nirringrazzjak tal-ghajnuna u l-kollaborazzjoni li sibna minhekk biex din l-attivita setghet ssir minghajr ebda incidenti .

Il-klabb tal-Hibernians FC jinsab grat lejn is-serjeta u l-porfessjonalita li int u l-kumplament tal-korp involut urejtu sabiex qabel , waqt u wara , din il-loghoba kollox jimxi skond kif titlob il-ligi .

Filwaqt li nispera li ma hloqna ebda inkonvenjent nitolbok twassal l-grattitudni taghgna lill-membri tal-Korp tal-Pulizija prezenti fl-ghassa ta Rahal Gdid .Kien biss bil-hidma taghkom li n-nies tar-rahal taghna setghu jiccelebraw ir-rebh tal-kampjonat b mod dinjituz u bla ebda incidenti .

Tislijiet

Stephen Abela
Hibernians FC
Cc Kummissarju tal-Pulizija

---

**Sent:** Fri 08/05/2009 12:46

...E
...LICE; Gatt Emanuel at ADT; Stephen Xuereb; Josef Cuschieri; Ruth Brown; Kevin ...
...MTA
...today

...Mr Steve Xuereb, I would like to thank you all for the excellent ...smooth passenger operation this morning.

...t carry much weight in projecting a healthy Cruise Industry for Malta.

# SHOES | DESIGNED TO MOVE YOU






Art. 68783 Size. 37 - 41
Art. 68784 Size. 41 - 47



Art. 68773 Size. 36 - 42
Art. 68774 Size. 40 - 47



Art. 68753 Size. 36 - 42
Art. 68754 Size. 40 - 47

ECCO Pro series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the **Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue & Security and Traffic Wardens.**

All styles in the ECCO Pro range are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

ECCO uses Hydromax™ leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for up to 10 hours! This technological leather is one of the finest water-repellent and windproof leathers. A special tanning process ensures high breathability on the inside and a water-repellent surface on the outside, optimizing the function of the GORE-TEX® membrane. The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

We also offer a full range of shoe care products which include; Waterproofing Protection Spray, Daily Shoe Care Cream and Shoe Shine Sponges. All are GORE-TEX® approved.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our current seasonal collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT
ecco®

# Żjara tad-Direttur il-ġdid tal-EWROPOL f'Malta

Supt Edward Mangion

Fis-6 ta' April 2009, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni tal-Unjoni Ewropeja, ħatar lis-Sur Rob Wainwright mill-Ingilterra bħala d-Direttur il-ġdid ta' l-EWROPOL. Is-Sur Wainwright ħa t-tmun ta' l-organiżazzjoni mingħand il-Ġermaniż Max Peter Ratzel li kien ilu jokkupa din il-kariga għal dawn l-aħħar erbgħa snin.

Wieħed mill-ewwel inkarigi internazzjonali tas-Sur Wainwright wara l-ħatra tiegħu kienet proprju żjara ta' xogħol ġewwa Malta. Din seħħet bejn it-3 u l-5 ta' Mejju 2009, fejn is-Sur Wainwright attenda l-ewwel laqgħa tal-HENU fil-kapaċita' l-ġdida tiegħu bħala l-Kap tal-EWROPOL. Kif ġie mtenni f'artiklu ieħor f'din il-ħarġa ta' din ir-rivista, il-laqgħa tal-HENU ġiet organizzata ġewwa Malta minħabba l-fatt li din kienet l-aħħar waħda taħt it-tmexxija tiegħi stess bħala Chairman tal-grupp HENU. Kien għalhekk bi pjaċir kbir li stajna nilqgħu lis-Sur Wainwright fil-gżira tagħna kemm bħala kap ġdid ta' organiżazzjoni internazzjonali, iżda wkoll bħala kontributur ewlieni fix-xogħol tal-HENU.



Id-Direttur Wainwright jiltaqgħa ma' uffiċjali għolja Maltin ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

**Laqgħa ma' Uffiċjali ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.**

Waqt li d-direttur Wainwright kien qiegħed Malta, ittieħdet ukoll l-opportunita' biex dan ikun jista' jiltaqgħa ma' uffiċjali għolja Maltin waqt laqgħa u ikla li ġew imħejjija ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija taħt stedina tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo. Minbarra l-Kummissarju nnifsu, għal din l-okkazjoni attendew ukoll il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, ir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropeja fi Brussel, is-Sur Richard Cachia Caruana, id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Joseph Cachia, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Andrew Seychell, kif ukoll uffiċjali għolja oħra involuti fil-kamp ta' l-infurzar tal-liġi. Min-naħa tal-EWROPOL kienu preżenti wkoll id-Deputati Diretturi Mariano Simancas (Kriminalita' Serja) u Eugenio Orlandi (Information Management and Technology).

Matul din il-laqgħa u ikla, ġew diskussi diversi oqsma fosthom l-immigrazzjoni llegali fil-Mediterran, it-traffikar tan-nies, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali tal-infurzar tal-liġi fi sfond Ewropew. Id-Direttur ta' l-Ewropol u l-Kummissarju tal-Pulizija qablu li kien hemm diversi kampijiet fejn dawn setgħu joffru l-appoġġ reċiproku tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalita' serja u/jew organizzata.




Id-Direttur il-ġdid tal-EWROPOL, is-Sur Rob Wainwright, jindirizza lill-grupp HENU f'Malta, waqt l-aħħar laqgħa tagħhom taħt iċ-Chairmanship tiegħi.

Insellem lill-ħbieb u kollegi kollha fil-Korp tal-Pulziija. Jekk ikollkom bżonn aktar informazzjoni dwar l-EPOL, jew dwar l-Uffiċċju Malti ta' Kollegament fi ħdan l-EPOL, tistgħu tagħmlu kuntatt miegħi permezz ta' dawn il-mezzi:

Tel.: 0031 70 353 1470
Fax.: 0031 70 353 1425
Mob.: 0031 6 1730 0264
E-Mail: edward.mangion@europol.europa.eu

# Free SHARP AQUOS LCD TV's



## When purchasing your kitchen appliances




## Offering You The World's Best Brands

LIEBHERR
Bompani
Bauknecht
INDESIT
SHARP
Scholtès
elica
smalvic
TECHNO COOKING

Flamingo

Quddiesa fil-Kappella taċ-ċimiterju















Kunċert mill-Banda tal-Pulizija









## Kommemorazzjonijiet tal-195 Anniversarju tal-Korp 1814 - 2009























## Guard of Honour























Riċeviment
għall-Uffiċjali








# Summer Camp 2009

Wara nuqqas ta' numru ta' snin, din is-sena reġa' ġie organizzat is-Summer Camp għat-tfal tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Dan is-Summer Camp ġie organizzat mill-MPA bl-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Inħatar kumitat imexxi mill-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi u fi żmien xahar saret l-organizazzjoni koll-ha. Dan is-Summer Camp sar fuq erbat ijiem bejn it-18 u l-21 ta' Awwissu fuq bażi ta' live-in fil-Kwartieri tas-Sezzjoni tal-Klieb fil-Mosta.

Madwar 50 tifel u tifla ipparteċipaw f'din l-attivita'. Tħejja programm ippakkjat, fejn fost il-postijiet li t-tfal żaru kien hemm il-Palazz tal-Verdala, il-Limestone Heritage, Golden Bay, Popeye Village, il-pixxina ta' Ta' Qali u anke ġurnata f'Għawdex. It-tfal kienu l-ħin kollu taħt is-supervizjoni tal-grupp leaders u l-assistenti tagħhom, ilkoll membri tal-Korp.

Apparti l-akkommodazzjoni fis-Sezzjoni tal-Klieb, it-tfal ġew ipprov-duti ikel matul il-ġuranta mħejji mill-Pulizija tal-*Other Ranks Canteen*. Kellhom trasport ipprovdut mill-coaches tal-Garaxx tal-Pulizija kif ukoll sorveljanza mid-dinghies ta' l-ALE waqt li kienu qed jgħumu fil-baħar. Preżenti l-ħin kollu kien hemm ukoll l-infermiera tal-M.I. Room kif ukoll fotografu mis-Sezzjoni tal-Forensika. Kuljum saret quddiesa mill-Kappillan tal-Korp. Il-ġenituri kienu mitluba jħalsu €10 għal kull tifel/tifla, filwaqt li l-MPA ħarġet ammont ta' fondi sabiex jitħallsu spejjeż bħal entraturi għal ċertu postijiet imsemmija aktar qabel. Importanti li kull Pulizija jkun mgħarraf b'attivita' bħal din.

Jidher li dan is-Summer Camp kien suċċess tassew. Mill-kummenti li ħadna mit-tfal, ġenituri Pulizija, group leaders u helpers jidher ċar li kulħadd kellu kliem ta' tifħir għal din l-attivita' u żgur mhux forsi qabżet l-aspettativi ta' ħafna min-nies involuti. Is-Summer Camp ġie fi tmiemu b'Pasta Night fejn it-tfal reġgħu ngħaqdu mal-ġenituri tagħhom. Kemm it-tfal kif ukoll il-grupp leaders u l-helpers dehru ferħana, kuntenti, daħqana u maħnuqa! Ħadna wkoll xi kummenti minn dawk preżenti li ser nippreżentawhomkom għalihom. Ir-ritratti li jsegwu huma stampa ċara tal-gost u pjaċir li nqasam bejn kulħadd waqt dan is-Summer Camp.
































**AC Lawrence Cauchi (Chairman – kumitat organizzattiv):** 'Dan is-Summer Camp qed isir wara 12-il sena, l-aħħar li sar kien fl-1997. Il-Kummissarju attwali xtaq li jsir dan is-summer camp u filfatt konna ppruvajna s-sena l-oħra imma minħabba raġunijiet differenti ma sarx u allura erġajna pruvajna. Għamilt kumitat u qbilna li jsir fid-Dog Section. Naħseb li kienet idea brillanti. Kuljum ġejt biex nara li ma jonqos xejn u anke jien stess ħadt pjaċir f'dan l-ambjent. Ħadt indikazzjonijiet pożittivi mill-ġenituri u mit-tfal. Bħala ġenitur sodisfatt, bħala organizzatur sodisfatt ukoll iżda hemm xi affarijiet li nistgħu nirranġaw għas-sena d-dieħla. Per eżempju żball li sar kien li fit-tieni ġurnata għamilna BBQ u fl-aħħar ġurnata għamilna Pasta Night. Għalkemm kelna attendenza kbira fil-BBQ ta' madwar 140 ruħ, pero' xi tfal kif raw lill-ġenituri fit-tieni ġurnata ridu jmorru lura magħhom. Din ma terġax tiġri, iżda nitgħalmu mill-iżbalji. Bl-approvazzjoni tal-Kummissarju nispera li nerġgħu nagħmluh.'




**Luca Amato – 10 snin u Daniel Zammit – 12-il sena:** Kollox għoġobna speċjalment li konna secure u l-ħruġ. Is-saqqijiet m'għoġbuniex. Ħaġa sabiħa li konna grupp magħqud.



**PC24 Martin Pace (MPA):** 'Nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, lil AC Cauchi u lil dawk kollha li b'xi mod għenu f'din l-attivita' inkluż il-ġenituri u t-tfal għax mingħajrhom dan kollu ma kienx ikun possibbli. Sirna familja waħda'.



**Fr. Raymond Bonnici (Kappillan tal-Pulizija):** 'L-involviment tiegħi kien li kuljum nagħmel quddiesa għat-tfal, liema quddiesa kienet animata mill-grupp 'Families for Christ.' It-tfal ipparteċipaw ħafna u dehru li ħadu gost filwaqt li tajjeb li nuru l-apprezzament lejn min kien hawn il-ħin kollu u organizza din l-attivita`. Tajjeb li fil-ħajja ngħelbu d-diffikultajjiet u nħarsu lejn l-attivitajiet sbieħ li jsiru b'impenn lejn ħafna nies'.



**Valeria Cauchi - 12-il sena u Marvic Bayliss – 13-il sena:** Għoġbuna l-ikel, il-ħruġ u l-għawn u tgħallimna ħafna. Xtaqt air-condition fil-kamra fejn irqadna. Kollox għoġobni speċjalment li konna secure. Is-saqqajjiet m'għoġbuniex.'



**Insp. Malcolm Bondin (MPA & group leader):** 'Bħala MPA konna nvoluti mill-bidunett fl-organizzazzjoni kollha sa ma wasalna fis-Summer Camp innifsu. Il-helpers konna team wieħed u ma kienx hemm rankijiet bejnietna. Għall-organizzazzjoni li saret f'erba' ġimgħat biss ħareġ prodott tajjeb ħafna. Xorta għandna nitkellmu bejnietna ħa naraw x'nuqqasijiet kien hemm.'



**WPC51 Louise Grech (group leader - eta' 10-11yrs):** 'Kelli grupp ta' ħamest itfal. Kelli nara l-esiġenzi tagħhom x'inhuma, nieħu ħsiebhom u dejjem kont moħħni fejn qegħdin it-tfal u li jinġabru kollha wara xi attivita`.



**WPC250 Amanda Bunce:** 'Jiena kont team leader tat-tfal bejn ta' bejn il-11 u t-13-il sena. Bħala kamp kien tal-ġenn. It-tfal obdew ħafna. L-esperjenza li kelli fil-Girl Guides għenitni ħafna. Ċertu ħruġ kont nevithom kieku u ndaħħal aktar avventura bħal *abseiling*.



**PS633 Frankie Sammut (MPA/helper):** 'Jien kont qed ngħin fl-affarijiet li jkun hemm bżonn u għint lis-Surġent tal-fotografija. Minn wiċċ it-tfal jidher li huma kuntenti ħafna.'



**SM Stephen Bunce (kċina/kumitat organizzattiv):** 'Jien għandi esperjenza kbira fl-iscouts allura ġejt mitlub ngħati l-kontribut tiegħi. Kont inkarigat mill-ikel flimkien man-nies tiegħi. Addattajt l-ikel għat-tfal. Introduċejna l-"*English breakfast*" li ntogħoġob ħafna mit-tfal. Varjajna l-ikel u konna nippreparaw *breakfast, lunch u dinner* kif ukoll *"packed lunches."* Meta marru Għawdex ippreparajna cold salad f'containers apposta u żammejnihom fi *freezer* li ġiet trasportata ġo vann għal Għawdex. Rigward helpers, importanti li jintgħażlu "the *right persons*."



**Alex Busuttil – 9 snin u Mathias Simpson – 10 snin:** L-aktar li għġobna kienu l-logħob u l-ħruġ, meta morna Popeye Village. L-anqas li popolari kienu l-*fall-in* u l-għajjat tal-group leader.'



**WPC275 Charlene Simpson (nurse, MI Room):** 'Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi hawnhekk. Apparti xi brix u grieħi li ġarrbu t-tfal kollox mexa' ħarir, għalkemm kien hawn ħafna xogħol. Xi affarijiet setgħu marru aħjar bi ftit aktar komunikazzjoni. Ħaġa li m'għoġbitniex kienet li kien hawn tfal li telqu filgħaxija u reġgħu ġew filgħodu. F'kampijiet dawn l-affarijiet mhumiex aċċetati. Bħala nurse kelli xogħol 24 siegħa. Per eżempju darba minnhom qabel il-5 ta' filgħodu ma rqadniex. Dawn huma affarijiet li tistenna mingħand it-tfal meta jkunu qed jilgħabu. Kelli programm mimli, per eżempju l-bieraħ wara n-*night hike* it-tfal kellhom ħafna ngħas. Organiżazzjoni tajba ħafna. Kull filgħodu t-tfal tellgħu l-bandiera fit-tmienja. Qatt ma bsart li stajna nkunu daqshekk organizzati. It-tfal bdew jibku li ma jridux jitilqu. Bħala nurse nerġa' niġi u bħala omm nerġa' nibgħat it-tfal.



**Sarah Grech – 10 snin:** 'L-aktar li għoġobuni kienu l-ħarġiet, speċjalment Popeye Village. Mill-ewwel għamilt ħbieb. Jien qiegħda fil-Girl Guides ta' Bormla u bħala livell dan il-kamp kien tajjeb ħafna. Naħseb li kollox tajjeb kien.



**PC1459 Mark Anthony Buttigieg (kċina):** 'Jien bħala kok tal-Pulizija flimkien mas-Surġent Maġġur Bunce u l-kollegi tal-kċina ħadna ħsieb il-*"food and beverage."* Lestejna ikel li jħobbu t-tfal u għamilna *"packed lunches."* Per eżempju meta marru l-ġita t'Għawdex iffukajna fuq ikel sustanzjuz. Qagħdna attenti x'ikel insajru għat-tfal, fil-fatt evitajna l-qali, għalkemm it-tfal jogħġobhom dan l-ikel. Xtaqt li kelli aktar għajnuna fil-kċina rigward indafa. Fil-fatt sajjart u ħsilt jien ukoll. Għamilna sagrifiċċju u fl-aħħar ħareġ is-sodisfazzjoni li rajna t-tfal u l-ġenituri kuntenti.'



**Insp. Anthony Agius (ġenitur):** 'Kelli tifel wieħed hawn ta' 11-il sena. Ħadt pjaċir li t-tifel integra ruħu għax mhux is-soltu u normali għalih li jagħmilha ma' grupp kbir ta' tfal u li jagħmel erbat ijiem 'il bogħod mill-ġenituri. Hija ħaġa tajba għat-tfal għax jidħlu fi spirtu ta' scouts. Għoġbuni ukoll l-fatt li t-tifel tkellem ma' tfal ta' Pulizija oħra u b'hekk kollha jsiru jifhmu x-xogħol tal-ġenituri tagħhom. It-tifel fehem li mhux missieru biss idum ix-xogħol jew li jkun xogħol ta' bil-lejl. Nemmen ukoll li din l-attivita' tinqasam f'aktar minn darba jekk ikun hemm ħafna tfal.



**PC1050 Simon Marshall (group leader, tfal 7-9 snin):** Xogħolna kien li nagħmlu supervision fuq it-tfal, nġibuhom fi gruppi u li jissoċjalizżaw bejnlethom halli anke meta jkollhom problema, jaqsmuha ma' ħaddieħor. Kien importanti li t-tfal jaraw lilna l-Pulizija ngħinu lil xulxin u jagħmlu bħalna. Fil-fatt it-tfal bdew juru inizzjattiva u joffru li jagħmlu xi ħaġa. Jien sodisfatt mija fil-mija. Qabel dan is-summer camp kellna laqgħa u ġie spjegat kollox u kelna guidelines. Konna mgħarrfa b'xi kundizzjonijiet li għandhom it-tfal u l-ġenituri kellhom in-numri tat-telefon tagħna. Għall-ewwel, il-ġenituri forsi kienu ftit xettiċċi u għalkemm it-tfal fil-bidu bdew iċemplulhom, imbagħad meta draw qas baqgħu iċemplulhom għax kienu happy. L-unika ħaġa li forsi nistgħa nikkritika kienet is-sħana fil-kmamar pero' trid tikkunsidra li bħalissa żmienha pero' l-okkazzjoni kienet tajba ħafna.



**Lindsay Fenech - 9 snin u Ramona Mifsud – 8 snin:** L-aktar li ħadna gost kienu fil-għaxijiet u l-Limestone Heritage. Li m'għoġobniex huwa li nqumu fis-7am, l-għawn Popeye Village. It-tfal il-kbar bdew iwerżqu filgħaxija u ma stajtx norqod.'



**Insp. Stephen Mallia (ġenitur):** 'Kelli żewġ subien hawn, ta' 7 u 11-il sena. Assulutament m'hemm xejn x'tgħid fin-negattiv. Żorthom kuljum. L-organizazzjoni kienet waħda impekkabbli u tirrikjedi ħafna xogħol. L-organizzaturi ħarġu bi *flying colours*. Naħseb li kienet biċċa uġigħ ta' ras għalihom minħabba l-ammont ta' tfal u l-etajiet differenti, speċjalment meta tikkunsidra li għal ħafna din kienet l-ewwel esperjenza tagħhom. Veru prosit. Aħna kuntenti ħafna u j'Alla tibqa' ssir kull sena. Il-post huwa wieħed tajjeb u sikur. Pero' forsi tista' tiġi kkundsidrata li jsir f'kampjiet propja halli tkun avventura għat-tfal. Il-bqija ma tantx hawn x'tirranġa għax minn kollox kien hawn. Prosit ukoll ta' l-ikel u lil kull min sajjar. Pożittiv għall-aħħar.



**WPC60 Grace Bianco (group leader):** 'Bħala tfal kelli grupp żgħir ta' bejn it-8 u d-9 snin. It-tfal kienu ferm edukati u veru ħadt pjaċir magħhom. Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi u kienet esperjenza sabiħa. Jidhru li t-tfal ħadu gost. Pero' l-ġurnata li qattajna Għawdex kienet *hectic* wisq għat-tfal u nżerta kienet ħafna sħana, apparti li tlifna l-vapur aħna u sejrin.'



**WPS104 Amanda Xuereb (assistant leader):** 'Kont assistant leader ta' grupp ta' ħamest itfal ta' 8 snin. It-tfal mill-ewwel obdew l-ordnijiet tagħna. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħi u ħadt ħafna gost. L-unika suġġeriment huwa li per eżempju Popeye Village stajna domna ġurnata minnflok nofs ta' nhar .



**Jurgen Borg – 13-il sena:** 'Ħadna gost ħafna, kienu organizzati ħafna. Kollox puntwali u ħaduna postijiet differenti. Il-ġurnata dejjem kienet mimlija. Barra dan mort żewġ campings oħra imma hawnhekk kelna aktar ħruġ u konna *mixed* – subien u bniet. Il-Limestone Heritage u l-pool ta' Ta' Qali l-aktar li ħadt gost.



**WPC49 Lorraine Amato (assistant leader):** 'Jien kont qed nieħu ħsieb bniet ta' bejn it-8 u l-10 snin u għint fil-boys ukoll. Apparti l-imqarbizza normali tat-tfal, it-tfal ġabu ruħhom sew. Għalkemm kelli t-tifel tiegħi hawn, ħafna mill-ħin ma rajtux lit-tifel għax kien taħt ir-responsabbilita' ta' ħaddieħor u meta ried xi ħaġa mar għand il-leader tiegħu u mhux għandi. It-tfal trid titratthom l-istess, ma tistax tagħmel preferenzi. Kien hawn ċertu affarijiet li bħala grupp irridu nitkelmuhom pero' dan kien l-ewwel camping wara ħafna snin. It-tfal kienu on the ġo il-ħin kollu u ħadu gost ħafna. Nisperaw li s-sena d-dieħla ikun aħjar.



**Brandon Lee Mallia- - 11-il sena:** 'Ħadt gost fil-pool u meta morna Għajn Tuffieħa. Kollox ogħġobni.



**PS516 Alfio Borg (fotografu):** Ip-pruvajna kemm jista' jkun inkopru l-attivitajiet kollha bir-ritratti u video, ħalli issa lit-tfal li kien hawn intuhom rikordju ta' DVD u ritratti. Hija xi ħaġa sabiħa li t-tfal ikollhom tifkira ta' dan il-kamp. Jien kelli ukoll żewġt itfal hawnhekk, ta' 8 u ta' 13-il sena. It-tnejn ħadu pjaċir. Naħseb li l-programm kważi kważi kien fih wisq attivitajiet. Il-prezz li ħallasna kien redikolu, dak ta' e10. Naħseb li għandu jerġa' jsir u t-tfal nerġa' nibgħathom kieku. Ma nara xejn negattiv.

167, "Blue Heaven"
Triq Santa Monika
Rahal Gdid
PLA 1227
30 ta' Awwissu 2009

Għeziez:

Pruvajt li ma tantx inħalli zmien jgħaddi mill-kamp li għadkhom kif organizzajtu u għalhekk xtaqt niktbilkom zewġ kelmiet. Il 'Police Summer Camp 2009' kienet esperjenza ġdida għalija. Xtaqt nibda billi nirringrazzja lill-moħħ wara din l-attivita. Mil opinjoni tiegħej nahseb li l-organizzazjoni kienet perfetta, il-postijiet li zorna kienu interessanti u divertenti wkoll.

Napprezza ħafna li ħafna mill-helpers tlaqtu lill-familji tagħkom u iddedikajtu l-ħin tagħkom għal din l-attivita imma minn naħa tagħna tant ħadna pjaċir li xtaqna li zmien kien itwal. Il-tim kollu kien magħqud u kollha għamiltu dak li tistgħu biex din l-esperjenza tkun waħda sabiħa għalina.

Mhux se nogghod nirringrazzjakom wieħed wieħed għax sinċerament ma nixtieq ninsa lill ħadd. Nixtieq ngħid prosit ukoll lil dawk il-persuni kollha li ħadu ħsieb ilestulna l-ikel, għax kif indunajtu dak għalija huwa importanti ħafna.

Meta tkellimt ma tfal oħra li kienu fil-kamp magħna, kollha qbilna kemm kien hemm pjacir u kemm ħadna gost, u li nixtiequ li jsiru aktar attivitajiet simili fejn inkunu nistgħu nerġgħu niltaqgħu.

Ippermettuli ngħid proset u grazzi wkol lil Fr. Raymond talli ha hsieb il-parti spiritwali tal gurnata, parti li forsi sfortunatament xi kultant ma naghtuhiex dik l'importanza li jixraqilha.

Fl-aħħar nixtieq ngħid proset u grazzi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kellhom x'jaqsmu ma dan il-kamp. Grazzi ta kull ma għamiltu magħna u ta kemm hadtu paċenzja bina.

Mill gdid grazzi mil qalb.

Jeanluke Gilson








KWARTIERI
GENERALI
TAL-PULIZIJA


MALTA POLICE
FORCE
A.D.1814


KWARTIERI
GENERALI
TAL-PULIZIJA

















## Tberik ta l-Annimali
















## Charity Ride







## Attivitajiet fil-lokalitajiet ta' St. Vincent De Paule







## Qormi









Belt Valletta











Exhibition ta' ritratti minn Stephen Busuttil









# When was the last time you had some fun saving money?



Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

**The best prices and the widest choice with ongoing offers for a fun-shopping experience.**

**Spend € 100 - Lm 42.93 + get 4 (1.5Ltr) of local soft drinks plus 1 free case of local mineral water and points**



The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520 - Fax: 2138 8241
Psaila Street, St Venera - Tel: 2148 0807 - Fax: 2148 5559

**PART OF THE GS GROUP OF COMPANIES**

# Korsijiet ta' taħriġ man-Naval Criminal Investigative Services (NCIS)

PS 1467 Paul Bonello - Special Assignments Group (SAG)

It-taħriġ fil-Korp tal-Pulizija huwa essenzjali ħafna. Minn żmien għal żmien isiru korsijiet intensivi għall-membri tal-Korp, speċjalment dawk stazzjonati f'taqsimiet speċjalizzati bħal-*Special Assignments Group* (SAG). F'dawn l-aħħar snin saru diversi korsijiet, l-aktar l-insemmi dawk mal-Missjoni Militari Taljana, li jinkludu korsijiet ta' *Anti-Riot, VIP Close Security Protection, Close Quarter Battle (CQB), Abseiling* u kif ukoll fil-*Basic u Advanced Shooting u Fast Car Driving Techniques.*

Din is-sena, fil-kumpless ta' l-SAG ġewwa Ta' Kandja, saru żewġ korsijiet mal-*NCIS* li hija sezzjoni mill-Qawwa Navali ta' l-Istati Uniti. Din kienet esperjenza li kienet meqjusa ferm pożittiva peress li kemm il-Pulizija u l-membri tal-Armata li attendew konna maqgħudin f'tim wieħed.

L-ewwel kors li sar bejn l-24 ta' Marzu u l-3 ta' April 2009 kien jikkonsisti f'taħriġ bażiku. Għal dan il-kors, attendew membri mit-taqsimiet ta' l-*SAG, CID, il-Mobile Squad, l-Special Branch, l-ALE,* u min-naħa ta' l-Armata - is-*"C" Company u RDT.* Minbarra kuntistabblijiet u surġenti, attendew wkoll diversi uffiċjali.

Dan l-kors ġie mogħti minn żewġ aġenti esperti Amerikani li għandhom esperjenza kbira f'dan l-qasam u t-taħriġ li ngħata hawn huwa simili ħafna għal dak li jagħtu f'pajjiżhom. It-taħriġ kien jikkonsisti f'diversi *lectures* li wara kienu jiġu segwiti f'taħriġ prattiku. Dan it-taħriġ mill-parteċipanti kollha preżenti kien isir fil-*gym*, fil-kwartieri kif ukoll fil-*grounds* tal-*assault course.*

Fost affarijiet oħra sar taħriġ fl-użu tal-lembuba, bħal *blocks* u *strikes*, kif ukoll arrest bl-użu ta l-istess lembuba. Fl-assenza tal-lembuba sar ukoll taħriġ kif persuna tista' tiġi imrażżna permezz ta' *arm blocks* u teknika oħra fuq in-nervituri sabiex ixxejjen ir-reżistenza vjolanti tagħha.

1. Fażi oħra ta' taħriġ kienet tikkonsisti f'*house entry* jew kif inhi aħjar magħrufa bħala *Close Quarter Battle*, bl-użu tal-armi tan-nar. L-armi li ntużaw kienu lkoll armi *dummies* u dan t-taħriġ li sar f'bini li normalment jintuża' għat-taħriġ mill-*SAG* kien jikkonsisti f'assalt fuq bini bil-għan li jsir arrest ta' persuna jew persuni armata/i jew jiġu salvati ostaġġi. Il-qsim ta' esperjenzi differenti mill-individwi li lkoll kienu ġejjin minn oqsma varji ma naqsux u l-aġenti Amerikani nsistew li dawn jinqasmu u tiddaħħal kultura ta' aġenziji differenti li jaħdmu lkoll flimkien sabiex jintlaħaq l-għan aħħari. Saret ukoll simulazzjoni fuq vetturi b'nies suspettużi li nħarġu mill-vettura tagħhom bl-ordni, wieħed wieħed, u anke ġiet ipprattikata t-tfittxija fuqhom u fil-vetturi. It-tfittxija kienet għall-armi u munizzjon, splussiv, droga, oġġetti misruqa u affarijiet oħra relatati mal-kriminalita'. Tiġi wkoll iċċekkjata l-vettura jekk hijiex tas-sid jew misruqa, il-parti tal-magna għal xi oġġetti suspettużi u anke ssir tfittxija fuq wara tal-karozza.



Taħriġ ieħor li sar kien dwar l-użu tas-*CS gas* u *pepper spray.* Illum kull membru fil-Korp tal-Pulizija huwa attrezzat bil-*pepper spray* sabiex jingarr waqt il-qadi tad-doveri tiegħu. Ta' min jgħid, li l-effett tal-*pepper spray* huwa qawwi ħafna, fejn wara li l-aġent Amerikan juża' dan il-*spray* f'wiċċek, trid tibda serje ta' eżerċizzi fejn tiddefendi ruħek minn attakk kif ukoll tarresta persuna. Wara li tgħaddi minn dawn l-fażijiet kollha li tkun tħarriġt għalihom issib jistennik aġent ieħor Amerikan liebes b'ilbies protettiv u l-kapaċita' hi li tipprova iżżomm, trażżan, tarrestah u tniżżlu mal-art u timmanetjah u dan kollu bl-effett tal-ħruq jippersisti fuqek. Jista' jingħad li llum ilkoll nafu xi jfisser il-*pepper spray* u x'inhu l-effett tiegħu.

It-tieni kors li sar mal-istess aġenti Amerikani kien bejn is-16 u 26 ta' Ġunju 2009 fejn tkompliet il-prattika ġewwa l-kumpless tal-*SAG.* Għal dan il-kors l-attendanza kienet min-naħa tal-Pulizija, membri tal-*SAG* u instructors mill-Akkademja tal-Pulizija u min-naħa tal-Armata kellna membri mis-*"C" Company u l-RDT.* Il-kors kien aktar intensifikat u iebes, u l-enfażi kienet fuq kif aħna ngħaddu dak li tgħallimna lill-kollegi sħabna. Għaddejna tista' tgħid mill-istess tekniċi li konna għamilna fl-ewwel kors iżda l-manuvri u l-*blocks* fuq persuna kienu aktar kompluti u rfinati. Kulħadd jaf li Ġunju t-temp ikun sħun u l-ħinijiet ta' filgħodu u wara nofs-in-nhar kienu sħan ħafna. Din id-darba l-*pepper spray* ġie użat minna stess fuq il-kollegi sħabna li attendejna l-kors.

Fażi oħra ta' taħriġ li għalina hija differenti peress li hija fuq il-baħar kienet il-mod kif nagħmlu tfittxija fuq opri tal-baħar meta jkun il-bżonn. Hawnhekk it-teknika ġiet min-naħa tal-iskwadra Maritima tal-*RDT* tal-Armata fejn urewna s-sistema differenti minn fuq il-baħar għal fuq l-art.

Fl-aħħar taż-żewġ korsijiet inagħtaw ċertifikati lill-membri kollha li attendew. Matul il-korsijiet li saru kemm f'Marzu u kif ukoll f'Ġunju ma naqsitx il-preżenza tad-Deputat Kummissarju Joe Cachia u tal-Assistant Kummissarju Josie Brincat li ġew fostna fil-kumpless tal-*SAG* fejn segwew mill-qrib u b'interess dan it-taħriġ.



Grazzi wkoll tmur speċjalment lill-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur John Rizzo li approva illi jsiru dawn il-korsijiet, lill-uffiċjali superjuri tagħna fosthom lis-Supretendent Martin Bayliss u li ħadmu, stinkaw u wrew il-fiduċja fina u l-ħsieb, sabiex korsijiet bħal dawn isiru fuq skala professjonali fejn il-Pulizija ħadmet mill-qrib ma' l-Armata Maltija. Ta' min jgħid li l-aġenti Amerikani kienu ħafna sodisfatti bit-taħriġ u dedikazzjoni tagħna lkoll li urejna.

Grazzi wkoll lill-uffiċjali tal-Ambaxxata Amerikana f'Malta li nkorraġew u ħadmu sabiex jibdew isiru dawn it-tip ta korsijiet, fosthom il-kordinatur tagħhom, is-Sur Matthew Cummins.

GRIMALDI GROUP



Three new Shipping Line Services between
**MALTA, CATANIA, GENOVA and CIVITAVECCHIA**

**New 'Low Cost' passenger connections**
to further develop tourism and cargo/passenger traffic between
**Italy, Sicily and Malta**

SULLIVAN
MARITIME




21/22, St. Barbara Bastion, Valletta VLT 1961 Malta
Tel: 21 226873, 21 251564 Fax: 21 226876 Email: passengers@sullivanmaritime.com.mt
www.sullivanmaritime.com.mt

Logografix™ SIGNS

15th ANNIVERSARY

**BECAUSE EXPERIENCE MATTERS**



Promotional - Identity - Informative - Safety
Any Format   Any size   Any Where

Logografix™ SIGNS
Pace & Pace Co. Ltd.
392, Cannon Rd.
Sta.Venera SVR 9033
info@logografixsigns.com
T: 2149 8829 - 2144 7508 - M: 7979 1515

www.logografixsigns.com


TANTI OPTICIANS
SPECIAL PROMOTIONS
Open your eyes to...
LINE FREE VARIFOCAL LENSES
Corrects for distance, intermediate and close vision all in one.
Special Promotional Price From
€67.55
Lm29
Inclusive of frame and varifocal Lenses.
*Terms & Conditions Apply
CLEARLY YOUR BEST BUY IN SIGHT
Offer exclusively available from:
Valletta – St. John's Square. Tel: 2124 5931, 2122 2994
Sliema – 8, Tigne Street, Tel: 2133 5232
B'Kara – 3 Mannarino Road, Tel: 2149 8029
Paola – 34, Paola Square. Tel: 2182 1583
Eye Specialist in Attendance Tel: 2124 5931 or 2122 2994 for an appointment.
Tanti Opticians


Cerviola Hotel
Join Us for Saturday Dinner Buffet
and
Sunday Lunch Buffet
both in the main restaurant
Menu...
Lasagne, Soup, Seafood Salad
Chicken, Beef, Pork, Rabbit, Fish
Roast Potatoes and a Selection of Salads
Dessert Selection
Saturday Dinner Price:
€12.80 adults, €9.30 children
Sunday Lunch Price:
€10.50 adults, €7.00 children
Private Functions also Accepted
Coffee Mornings at the Cerviola Hotel
€3.00 includes 2 Cups of Coffee/Tea, 2 Sandwiches and Two Pastizzi
Triq il-Qaliet, Marsascala • Tel: 2163 2761 • Email: cerviola1@onvol.net • Web: www.cerviolahotel.com


RON BARCELÓ
Founded in 1930 by Julian Barceló, Ron Barceló rum is today sold in over 50 different countries, establishing itself as the premium leader in the rum market. This fine rum finds its origins in the Dominican Republic, right in the heart of the Caribbean. San Pedro de Macoris, where the company's aging facilities are located, has the ideal climate for the aging of rum.
www.ron-barcelo.com
A WORLD OF DESIRES
Ron Barceló Añejo
A superior blend created from a premium selection of rums, all naturally aged for up to 4 years in American oak casks. With its golden red colour and smooth aroma, Barceló' Añejo is amazing alone or combined with any mixer.
It is a rich, flavourful and a favourite among rum connoisseurs.
Ron Barceló Imperial
Naturally aged for up to 10 years, this premium rum is nicely poised with a brilliant copper colour, a delicate texture and elegantly rich flavours. Its medium - to - full-bodied palate is replete with sweet and lush buttery toffee, dried apples and pears, and brown spices.
Voted 'Best Rum in the World' by the Beverage Testing Institute of Chicago.
IMPORTED BY SALVO GRIMA GROUP & DISTRIBUTED BY S.RAUSI TRADING, GZIRA.
FOR MORE INFORMATION, CALL 2560 7551 OR VISIT WWW.SALVOGRIMA.COM

Bell Net Ltd.

Fun.... Knowledge.... Friends....

JOIN US NOW & GET FREE 50GB DOWNLOADS

Residential ADSL Connections

Bridge Connections

WEB Hosting

Business ADSL Connections

24 x 7 Support

WEB Development

www.bell.net.mt

10, TRIQ IC-CAWSLI, QORMI 2147 2592/3 support@bell.net.mt






Apollo

**Super Premium Quality Complementary Pet Food for Dogs**

*Collect packet and exchange for gifts at:*
*CD Gift Scheme Centre,*
*Vincenti Buildings,*
*15/2 Strait Street,*
*Valletta.*
*Tel: 2123 6629*
*Trade Enquiries*
*Tel: 2146 0375*

CD GIFT SCHEME
A BETTER WAY TO SAVE

# L-Importanza ta' komunikazzjoni tajba.

Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri

Komunikazzjoni tajba hija waħda mill-aqwa għodod għas-suċċess ta' kull organiżazzjoni. Dan jgħiduh ħafna awturi li jitkellmu fuq kif l-aħjar tmexxi gruppi ta' nies bl-aktar mod effettiv. Komunikazzjoni tajba hija wkoll xi ħaġa li jiena personalment vera nemmen fiha għax mingħajra ftit li xejn tista' tmexxi organiżazzjoni b'mod effettiv. Mingħajr komunikazzjoni effettiva u ġenwina organiżazzjoni ma tistax timxi 'l quddiem u tagħti l-aħjar riżultati. Mingħajr komunikazzjoni dak kollu li hu uman u għandu x'jaqsam mal-bniedem ma' jibqax jeżisti għax il-komunikazzjoni hija sfera vitali f'dan il-qasam. Ħadd ma' jista' jmexxi mingħajr komunikazzjoni tajba ti tintuża' biex tinforma, tispjega, tjipperswadi, u tirriprimanda.

**Komunikkazzjoni tiġri fuq tlett livelli:**

o 'l fuq
o 'l isfel
o b'mod orizzontali

U f'organiżazzjoni bħal Korp tal-Pulizija fejn hemm ħafna ġerarkija, u dan bilfors għax hekk titlob din it-tip ta' organiżazzjoni, huma mportanti ħafna li meta l-infomazzjoni tgħaddi minn livell għall-ieħor, tgħaddi b'mod ċar bla ma tiġi mfixxkla jew mgħawġa. U dan it-tfixkil jista' jiġri f'kull livell u hawn jibda l-inkwiet u l-konfuzjoni. Informazzjoni tista' tiġi mgħoddija bil-kelma jew bil-kitba. It-tnejn fihom it-tajjeb u l-ħażin tagħhom u ta' min wieħed ikun jaf jisfrutta l-vantaġġi ta' kull mezz ta' komunikazzjoni. Illum għandna mezzi oħra li jintużaw ħafna aktar minn qatt qabel bħal emails. U l-istess hawn ta' min isir l-aħjar użu minn dan il-medium. Nixtieq ngħaddi kumment żgħir hawnhekk għax inħoss li waqt li l-internet huwa mezz verament effiċjenti ta' stħarriġ u ta' komunikazzjoni fuq bażi mondjali, jaf ikun mezz impersonali ħafna kif in-nies jikkomunikaw flimkien. Fejn sa ftit ilu kont inċempel lill-kollega tiegħi jew immur inkellmu l-uffiċju, illum nibgħat email. Vera huwa mezz effikaċi biex nikkomunika, biss qed ikun ukoll mezz kif il-kuntatt dirett bejn in-nies jonqos!

Komunikazzjoni tajba ma tinvolvix biss li tgħaddi nformazzjoni, iżda wkoll li tisma' u tifhem. Bl-ingliż nagħmlu distinzjoni bejn to hear u to listen. Bil-Malti ma naħsibx li għandna kliem differenti. Biss hemm baħar bejn xi tfisser waħda għalli tfisser l-oħra. U komunikazzjoni tajba ssir meta ikun hemm listening u mhux hearing bħal kif nisma' radio għaddej bla ma nagħti kas ta' dak li jkun qed jingħad.

**Il-komunikazzjoni bejn in-nies isseħħ f'kuntesti differenti:**

- il-kuntest fiżiku: jiġifieri l-ambjent fiżiku fejn isir il-kuntatt bejn in-nies: f'dan il-każ fl-Għassa, fl-uffiċju, fit-triq, fis-sezzjoni partikolari. U l-ambjent fiżiku għandu nfluwenza fuq kif tasal il-komunikazzjoni: x'tip ta' affarijiet għenu, jew x'tellef biex il-messaġġ jasal kif għandu jasal jew mgħawweġ?

- Il-kuntest soċjo-psikoloġiku: dan jikkonċerna l-istatus differenti ta' dawk li jkunu qed jikkomunikaw, ir-rwol tagħhom, u l-kultura ta' l-organiżazzjoni partikolari.

Dawn l-erba' fatturi jintegraw flimkien u kollha jridu jiġu kkunsidrati biex il-komunikazzjoni ssir bl-aktar mod effettiv.

L-ebda bniedem m'hu gżira u għalhekk kull bniedem għandu bżonn fundamentali li jikkomunika ma' l-oħrajn. Fl-artiklu li jmiss nagħti xi eżempji prattiċi kif dan kollu jista' jseħħ.





## Żjara Speċjali fil-Depot tal-Pulizija



F'Awwissu d-Depot tal-Pulizija kellu żjara mhux mistennija ta' 'eroj'. Is-Sur Allan Shaw mir-Renju Unit huwa wieħed mill-unika żewġ baħrin li għadhom ħajjin u li kienu fuq il-bastiment S/S Ohio li fforma parti mill-konvoj ta' Santa Marija nhar il-15 t'Awwissu 1942. Is-Sur Shaw mis-sena 2002 'l hawn żar Malta kull sena. Fil-fatt, fis-sena 2002 kien ingħata *a hero's welcome* hawn Malta. Din is-sena s-Sur Shaw żar id-Depot tal-Pulizija fejn ippreżenta tifkira lill-Kummissarju tal-Pulizija, u wara żar ukoll il-Mużew tal-Pulizija. Allan Shaw li għandu fuq it-tmenin sena, qalilna li meta l-bastiment Ohio kien daħal fil-Port il-Kbir kienet xi ħaġa emozzjonanti ħafna. Qal li qatt ma kienu ntlaqaw b'daqshekk entużjażmu. *"It was absolutely marvellous"*, qalilna. Is-Sur Shaw għoġbu l-Mużew tal-Pulizija u qalilna li bini bħal dak ma ssibux f'pajjiżu. *"It's great to be here"* temm jgħid s-Sur Allan Shaw.

# ANIMAL AMBULANCE
## for abandoned animals



Ministry for Resources and Rural Affairs
www.mrra.gov.mt

Noah's Ark Animal Sanctuary

SPCA Gozo
Caring about animals

**24 HOUR FREE SERVICE**
**21224001**

**GOZO 9947 5199 - 9980 7067**

EYES RIGHT OPTICIANS

*Eye specialists in attendance*

*Parking No Problem*




**WE ARE HERE**

*Please call for appointment*

Shop 3, Regent Place, Triq Tumas Fenech,
Tal-Herba, Birkirkara.
• Tel: 21 494198, 27 494198
• Mob: 9986 2857, 9988 4445



ON PRESENTATION OF THIS ADVERT
10% DISCOUNT

E-mail: eyesright@onvol.net

# Is-Serqa mill-Armerija ta' Ħal Qormi

Ps1133 J. Borg - Għassa Qormi

Il-parti fejn hemm l-Għassa llum, sal-bidu tas-seklu 20 kienet magħrufa bħala 'Palazzo D'Armerija'.

Bħalma spiċċajna l-artiklu tagħna tal-aħħar ħarġa tal-Magazin dwar il-patrimonju ta' pajjiżna, f'kuntest dwar il-bini tal-Għassa ta' Ħal Qormi, illum ser inkomplu bil-ġrajja storika li hemm marbuta mal-post, li ser teħodna 212 sena ilu, li qajla llum il-ġurnata wieħed jgħaddilu minn rasu bl-involviment u r-rabta storika ta' pajjiżna li għandu miegħu.

Fis-sena 1738 kien ġie ffurmat ir-Reġiment tal-Milizzja Qormija wara li kien inqata' minn ma' dak ta' Birkirkara u beda jissejjaħ 'Rigmento Casal Fornaro'. Maż-żmien, anke biddel ismu għal 'Rigmento Casal Curmi' jew 'Rigmento Citta' Pinto' dejjem skont iż-żmien. L-iskop ta' dawn il-milizzji tal-kampanja, kif kienu jsibuhom dak iż-żmien, kien wieħed vitali. Dawn kienu jiddefendu lil pajjiżna mill-attakki tal-għadu li kienu jkunu spissi. L-ewwel li kien ġie ffurmat kien jikkonsisti minn Kurunell, Tenent-Kurunell, Maġġur, Ajjutant, 6 Kaptani, 12-il Sotto-Tenenti, 12-il Surġent, 12-il Sotto-Surġent, 36 Kapural, u għadd ta' suldati li b'kollox kien reġiment ta' madwar 440 ruħ.

Il-fizzjali jidher li dejjem kienu jkunu kollha Kavallieri, filwaqt li mis-Surġenti l-isfel kienu jkunu Maltin. Dan jirriżulta mil-lista tal-ismijiet tan-nies tal-Milizzja. Il-fizzjali biss kienu joqgħodu fl-Armerija b'mod regolari, waqt li s-suldati jinġabru hemm skond il-ħtieġa.

Lura lejn tmiem is-seklu 18, madwar 225 sena ilu (c.1780/90) fi żmien ir-renju tal-Gran Mastru Fra Emanuel De Rohan, inħasset il-ħtieġa biex tinbena Armerija għar-reġiment tal-Milizzja ta' 'Casal Curmi', bl-iskop li fija jinżammu l-armi, munizzjon, materjal splussiv, għodod u kull xorta ta' apparat li wieħed kien jinħtieġ għal Artillerija f'dawk iż-żminijiet.

L-inħawi għal dak iż-żmien fejn intagħżel il-post biex tinbena l-armerija kien tista' tgħid f'tarf ir-raħal. Fil-fatt, ftit aktar l-isfel fejn aħna l-Qriema nsibuh l-'Erba' Qaddisin' u l-'Istabar', żmien ilu sa kważi l-ewwel żminijiet tal-ħakma tal-Ordni, l-art kienet art moxa jew mgħaddra li tistadar (bl-għadajjar). Fi żmien il-Feniċi u ħafna żmien wara Ħal Qormi kien qrib aktar lejn l-ilma tal-baħar; billi l-ilma kien jasal sal-post li qed insemmu. Id-dgħajjes tal-Feniċi kienu jidħlu jistkennu taħt Ħal Qormi u meta kien jagħmel il-maltemp, erħilhom jiġbduhom għal fuq ir-ramel li kien hemm max-xtajta sa ma jitfaċċa l-bnazzi. Fil-fatt huma kienu jsejħu l-gżira tagħna bħala 'Maleth' jew 'Melath' li b'ilsiena tfisser 'kenn'. Daqsxejn diffiċli għalina llum il-ġurnata nimmaġinaw il-baħar tan-naħa tal-Port il-Kbir jibqa' ġej sa fejn illum hemm ir-'roundabout' bl-istatwa tas-sultan Pinto fiċ-ċentru tagħha.

Bħalma nafu mill-istorja ta' pajjiżna, fis-sena 1775 kien beda jsir tentattiv sabiex jiġġarraf il-Gvern ta' dak iż-żmien immexxi mill-Ordni ta' San Ġwann u b'hekk jitħaffef il-proċess sabiex is-setgħa tiġi f'idejn il-Maltin u propju f'din is-sena, fil-5 ta' Settembru, qassis Malti bl-isem ta' Dun Gejt Mannarino mexxa rvell armat kontra l-Ordni. Iżda dan it-tentattiv ġie megħlub u ġara li ġara. Iżda, fis-snin ta' wara, l-idejal u t-tamiet imnebbħin mir-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789 sabu widen u rabbew l-għeruq f'Malta.

Bil-moħbi twaqqaf partit hekk imsejjaħ *Franċiż Rivoluzzjonarju* jew tal-"ġakbini" (Giacobini - ta' Ġakbu), Mikiel Anton Vassalli, l-iskular u magħruf għall-għerf tiegħu, kien ġie avviċinat mill-imseħbin tal-Partit Rivoluzzjonarju. Huwa laqa' t-tmexxija tal-partit bil-għan li jġib lil Malta f'idejn il-Maltin. Nafu li f'dawk iż-żminijiet l-Ordni xejn ma kienet sejra tajjeb. Saħħitha kienet iddgħajfet mhux ftit. Saru diversi laqgħat bil-moħbi u ntbgħatet korrispondenza lill-mexxejja tar-Repubblika ta' Franza, bil-għan li jsir tfixkil lill-Artillerija tal-Ordni, propju għal dik ta' 'Casal Curmi' ir-raħal fejn skont il-pjan kellha tqum ir-rewwixta kontra l-Ordni. Għalhekk sar il-pjan biex issir is-serqa tal-armamenti u l-porvli li kienu jinsabu fl-Armerija.

Dan kien pass għaqli u importanti biex tiddgħajjef is-saħħa ta' dawk li kienu ser jirreżistu dan il-pjan. Iżda ġara li hekk kif minnufih f'Mejju tal-1797 instab li l-Armerija ta' Ħal Qormi ġiet misruqa u l-armamenti u l-porvli li kien hemm ġo fiha ma nstabux, saret tfittxija ma' kullimkien u wkoll ġew arrestati diversi nies suspettati u oħrajn imdaħħlin fil-konfoffa kontra l-Ordni bil-ħsieb li jżarmaw l-Artillerija tal-inħawi, fejn kif għidt kellha tibda r-rewwixta. Fost dawk li ġew arrestati mill-iżbirri tal-Kavallieri kien


Io sono una povera donna moglie d'un cieco e che abito vicino l'armeria della Città Pinto mia Patria, qualche tempo fa il custode di d.a Armeria di nome Michele Balzan riconoscendo la mia miseria mi diede a titolo di carità un sacco lacero pieno di pezzi di legno, che riconobbi essere ceppi rotti di fucile per ardere com'in effetto mi son prevalsa ne miei bisogni, bruggiandoli al fuoco, e questa è la verità.

S.A. Emā intesa la relazione de' Giudici Deputati col parere distinto contro i ... e della meritata pena a ciascuno, cioè a Michel'Antonio Vassalli principal capo della machina di sedizione, che sopra chiuso in

Silta minn manuskrit oriġinali tal-proċess dwar is-Serqa.

Potterware
LIMITED
Established 1978

Award for Achievement in Industry 1999




*Factory: 160, Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali RBT 13 Malta*
*Tel: 2141 4773, 2143 0951 Mob: 7942 7365 Fax: 2141 5239*
*E-mail:dmenterprises@potterware.eu Web: potterware.eu*



**BATHROOM CENTRE**
435, St. Joseph High Road, St.Venera
T: 2144 0202 | 2144 9641 | F: 2148 2849
E: carini@maltanet.net

carini
STORES LTD.



WAREHOUSE
SALE
starts Monday
19th October

missing a sofa?

orienta
Ta' Qali Mega Store

hemm l-istess armier li kellu f'idejh l-Armerija, ċertu Mikiel Balzan. Dan ġie mixli bis-serq tal-armamenti u l-porvli ma' Mikiel Anton Vassalli il-mexxej tal-konfoffa, flimkien ma' sħabu Censu Barbara, Salvu Schembri, Masu Zammit, Ġuze' Micallef imlaqqam 'ta' Buda', Batist Triganza, Salvu Bartolo, Kalċidon Xuereb u Anglu Bartolo li lkoll ġew mixlija b'konfoffa kontra l-gvern tal-Ordni.

Fil-qosor ser insemmi xi dettalji mill-proċess ta' dawk mixlija quddiem l-Imħalfin li kien kompost minn erba' balliji tal-Ordni fosthom il-Balliju Hompesch li wara sar Gran Mastru u tliet avukati Maltin, fejn f'dan il-proċess nhar l-10 ta' Ġunju 1797 l-Armier tal-Artillerija u l-Kmandant stqarrew li mill-4 ta' April 1795 ebda biċċa arma ma ġiet mogħtija lilhom għat-tiswija mill-armier Mikiel Balzan fil-11 ta' Ġunju, l-għada Manwel Morello, Logutenent tal-viskont b'rapport semma t-tfittxija li saret fl-Armerija u fil-bir tal-istess Armerija b'lista tal-armi li nstabu fil-bir. Dovik Grech semma l-armi li hu kien tella' mill-bir.

Fit-12 ta' Ġunju, ċerta Marì, mart Baskal Felice li kienet toqgħod ħdejn l-Armerija qalet lit-tribunal li kienet irċevit mingħand l-Armier Mikiel Balzan xkora mimlija b'azzarini miksura u tagħhomlha bħala injam biex tużahom għal ħruq.

Fis-sentenza tal-kaz li ngħatatilhom nhar it-12 ta' Ġunju 1797 u mfissra lilhom bil-Malti tgħid illi wara li l-Gran Mastru sema' r-relazzjoni mogħtija mill-Imħalfin etċ jikkonkludi bil-kundanna tal-ħatjin: lil Mikiel Anton Vassalli, kap tal-konfoffa kontra l-Istat, jiġi magħluq il-ħabs għal għomru fil-Kastell tar-Rikażli u lill-sħabu msemmija jiġu ikkundannati bi snin differenti ta' turufnament minn Malta. Fl-aħħar Mikiel Balzan dwar id-delitt tas-serq tal-armi u l-porvli ġie mogħti f'idejn il-ministri tar-reliġjon u kellu jiġi tturufnat għal għomru, bil-patt li jista' jiġi mħarrek għad-danni b'kawża ċivili favur l-imsemmi Reliġjon.

Kif nistgħu ninnotaw, dan kien proċess b'xhieda limitata u li kellu jinqata' ta' malajr malajr. Fil-fatt, is-sentenza kontra Vassalli u l-oħrajn ingħatat minnufih, tista' tgħid fl-istess ġurnata li kienet xehdet Marì Felice fit-12 ta' Ġunju 1797.

Snin wara dan il-każ, il-Kanonku Fortunat Panzavecchia u ċertu Ġian Anton Vassallo kitbu fuq il-każ, u minħabba dokumenti li sabu relatati, tefgħu dawl ġdid fuq fil-verita' x'setgħa ġara. Innotaw, illi waħda mir-raġunijiet li l-proċess ta' Vassalli u sħabu fuq il-komplott kontra l-Istat u s-serq mill-Armerija sar u nqata' malajr, kien attribwit għal fatt li f'ċertu stanzi bdew jissemmew ċertu ismijiet. Fil-fatt, f'dokument dwar l-istess każ li jġib id-data tas-26 ta' Awwissu 1798, sabu kkwotata parti mix-xiehda ta' Vassalli nnifsu meta qal quddiem il-Balliju Hompesch, "jekk tixtiequ tkunu tafu x'kienu d-disinji tagħna, staqsu lill-Prinċep Camillo u lil Ransijat; huma kienu li mexxewna". Din hija ħaġa magħrufa ma' Malta kollha". Il-Prinċep Camillo De Rohan kellu l-kmand tal-milizzja tal-kampanja u Ransijat kellu f'idejh l-amministrazzjoni tal-kaxxa tal-Ordni. Fost karti tas-segretarju ta' Hompesch tinsab lista ta' ismijiet ta' Franċiżi u Maltin meqjusin bħala tradituri tal-Ordni u mseħbin fil-Partit tal-Ġakbini. Ċertu ismijiet xorta waħda ma tnizlux, bħal l-isem tal-Prinċep Camillo. Dan kien qarib tal-Gran Mastru De Rohan u ma kenitx ħaġa xierqa li dawn jiġu magħrufin, meta b'hekk l-isem ta' Hompesch seta' jiġi mkasbar għal dak li hu ħaqq u dmir lejn l-Ordni.

Jingħad ukoll li waqt li Vassalli kien arrestat f'ċella tal-ħabs ġewwa l-Kastell Rikażli, intbgħat xi ħadd mhux magħruf u minn wara rpar tal-injam li kien hemm jaqsam iċ-ċella heddu bil-mewt jekk kemm-il darba, waqt li jkun mistoqsi mill-Kummissjoni, jiżvela l-isem ta' Balliju partikulari. Skont Panzavecchia u Vassallo fil-kitbiet tagħhom dan il-Balliju seta' kien ukoll wieħed fl-istess Kummissjoni tal-Ġustizzja li kienet tqabdet biex tinvestigħom. Nafu wkoll li waqt li kien fil-ħabs ftit taż-żmien wara jeskonta s-sentenza, Vassalli rnexxielu jaħrab mill-forti u mar Salerno fuq bastiment Grieg.

# Preżentazzjoni ta' Kompjuter mill-Kunsill Lokali Mġarr Malta





Nhar it-2 ta' Ġunju 2009 is-Sindku tal-Kunsill Lokali Mġarr, Malta, is-Sur Paul Vella kif ukoll il-Kunsillieri tal-istess Kunsill Lokali għamlu preżentazzjoni ta' komputer bħala għotja lid-Distrett tal-Pulizija tal-Mosta sabiex dan jgħin lill-Pulizija li jkunu assenjati xogħol fl-Għassa ta' l-Mġarr. Din il-preżentazzjoni saret lil Assistent Kummissarju Neville Aquilina fil-preżenza tas-Supretendent Mario Bonello. Waqt din il-preżentazzjoni, is-Sindku tal-Imġarr Paul Vella qal li din l-għotja kienet qed issir bħala turija ta' apprezzament għax-xogħol tal-Pulizija li qed isir fil-lokalita' ta' l-Mġarr filwaqt li l-Assistent Kummissarju wieġeb illi din il-preżentazzjoni turi l-koperazzjoni li hemm bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Kunsill Lokali tal-Imġarr għal ġid tar-residenti tal-lokalita', kif ukoll li għotja bħal din żgur li ser tgħin lil Pulizija waqt il-qadi tad-doveri tagħhom.

# Il-Hijack ta' Frar 1983

PC931 Carmel Zarb – Skwadra Mobbli

Nhar il-Ħadd 21 ta' Frar, 1983 waqt titjira nterna bejn il-belt kapitali Libjana Tripli u l-belt ta' Sebha sar il-ħtif tal-ajruplan *Boeing* 727 tal-Libyan Arab Airlines, b'161 passiġġier.

Kien wara xi 10 minuti li kienu ilhom fl-arja li l-kaptan kien għarraf lill-ekwipaġġ u l-passiġġieri bil-ħtif tal-ajruplan u li r-rotta kienet ser tinbidel għal fuq Malta. B'hekk għat-tielet darba fi ħdax-il sena, pajjiżna reġa' ġie magħżul biex jilqa' fi ħdanu d-destin ta' tant nies innoċenti, fejn ħabta u sabta sabu ruħhom f'sitwazzjoni tal-biża'.

Dan il-ħtif kien sar minn żewġ uffiċjali militari Libjani, *First Lieutenant At-Tawatimansur* Al-Mahdi u *First Lieutenant* Abd Es-Salaam Abu Kilja.

L-ajruplan maħtuf kien dam siegħat sħaħ jittajjar madwar Malta' jistenna biex jinżel, fejn f'dan il-ħin il-Gvern Malti ma qagħadx b'idu fuq zaqqu. Bl-għajnuna ta' l-Awtoritajiet bdiet l-operazzjoni mgħaġġla biex jitħejja dak kollu li kien hemm bżonn. Għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija l-bdot reġa' talab il-permess biex jinżel f'Malta u minkejja li din it-talba reġgħet ġiet miċħuda mit-Torri tal-Kontroll, il-bdot xorta waħda ddeċieda li jniżżel l-ajruplan u minħabba l-iskarsezza ta' fuel.

Ir-reazzjoni tal-Maltin kienet waħda immedjata hekk kif l-ajruplan miss l-art. Minnufih il-Pulizija u l-Armata għamlu għassa stretta mad-dawra tal-ajruplan u l-ajruplan innifsu, filwaqt li l-membri tat-Task Force ħadu posthom fuq il-kanuni li kien hemm idawru l-ajruport.

Fost l-ekwipaġġ kien hemm *air hostess* Maltija, Marianne Stivala.

Għal ħin twil wara l-inżul ma sar l-ebda kuntatt bejn l-awtoritajiet Maltin u l-pirati ta' u dan is-silenzju dak il-lejl kollu. Kien għall-ħabta tad-disgħa u kwart li wasal l-ewwel messaġġ bir-radju minn fuq l-ajruplan.

F'dan l-ewwel messaġġ il-bdot Libjan qal bl-Ingliż li l-pirati kienu ser jisplodu l-ajruplan bid-dinamite jekk ma jingħatawx il-fuel. Wieħed mill-ħaddiema fit-Torri tal-Kontroll wieġeb li l-ajruplan kien jinsab imdawwar bil-qawwiet tas-sigurta' u reġa' waqa' s-skiet u ma reġa' sar l-ebda kuntatt. Għall-ħabta tan-nofsiegħa, il-bdot avża li l-pirati riedu l-Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta biex imur quddiem l-ajruplan sabiex isiru n-negożjati.

It-tweġiba tal-Maltin kienet li f'qasir żmien kien ser jasal fuq il-post il-Prim Ministru Malti Dom Mintoff u jekk il-pirati riedu jiltaqgħu miegħu huma kienu ser jingħataw kull ċans li jagħmlu dan.

Mal-wasla tal-Prim Ministru ppruvaw isiru tentattivi biex isiru kuntatt mal-pirati, imma l-bdot informa li l-batteriji kienu waslu biex jinħlew u għaldaqstant l-kuntatt ma setgħax isir fit-tul u ssuġġerixxa li n-negożjatur imur quddiem l-ajruplan. Il-Maltin ma qablux u avżawhom li l-kuntatt magħhom kien ser isir bir-radju biss.

Kien għall-ħabta tas-siegħa li mir-radju tat-Torri tal-Kontroll instema' l-vuċi tal-Prim Ministru Dom Mintoff. Permezz tal-bdot, il-pirati tal-ajru nfurmaw lil Mintoff li huma kull ma riedu huwa l-fuel u xejn aktar.

Mintoff ma aċċetax u permezz ta' l-interpretu i-Sur (aktar tard Dottor) Martin Zammit saqsa fejn kienu sejrin u għamilha ċara li huwa mhux ser iċedi għat-thedid tagħhom. Il-pirati nfurmawhom li xtaqu jmorru l-Marokk biex jieħdu kenn politiku.. Mintoff qalilhom biex jeħilsu t-tfal u stieden lill-pirati sabiex imorru fit-Torri tal-Kontroll ħalli jitkellmu hemm.

Mintoff għamilha ċara li jekk huma, il-pirati, kienu ser jagħmlu xi deni lill- passiġġieri, speċjalment lit-tfal, huma kienu ser ipattuha qares. Min-naħa l-oħra l-pirati qalulu li r-responsabbilta' kienet kollha fuq il Gvern Malti għax wara kollox huma ma kienux qed jitolbu l-impossibbli.

Din is-saga kompliet fin-negattiv, pero' sar ftehim sabiex titniżżel *airhostess* Jugoslava bl-isem ta' Ferhana, fejn fis-sagħtejn u għoxrin infetħet il-bieba u l-*airhostess* tniżlet permezz ta' ħabel, fejn ġiet eskortata sat-Torri tal-Kontroll. Kien hawnhekk li sar magħruf li fuq l-ajruplan kien hemm *airhostess* Maltija..

Wara din l-informazzjoni, sar qbil mal-pirati ta' l-ajru li fin-negozjati titkellem Marianne Stivala u mhux aktar il-bdot.

Fuq l-*airhostess* Maltija waqgħet responsabbilita' kbira, liema responsabbilita' ġiet esegwita b'tant ħila sa l-aħħar minuta.

Sfortunatament wara t-tielet ġurnata s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess. Il-Maltin bdew jiddejjqu b'dan l-atteġġament u l-kuntatt sar minn Mintoff fejn avża l-pirati tal-ajru, li hu bħala Gvern, kien lest li jtihom il-kenn li riedu u li ma kienx ser jibgħathom lura lejn pajjiżhom jew f'pajjiż li ma riedux imorru fih. Infurmhom li kien ser jibgħat xi provisti fuq l-ajruplan. Ir-risposta tal-pirati ta' l-ajru kienet li ma kienx hemm għalfejn jintbagħtu provisti għax kien ser jafdaw lil Mintoff u għalhekk kienu ser jeħilsu l-passiġġieri kollha.

Intbagħtu ambulanzi u xarabanks sabiex jassistu l-passiġġieri. L-aħħar kelmiet li nstemgħu fuq ir-radju permezz ta' l-interpretu Malti kienu, *"inħossni qisni twelidt mill-ġdid"*.

Kif wieħed jista' jimmaġina, fuq ir-runway kien hemm attivita' sħiħa. Fuq il-post waslu wkoll il-Kummissarju tal-Pulizija Dr Lawrence Pullicino u l-Ministru Lorry Sant.

Wara li l-passiġġieri ttieħdu l-Isptar għal kura, dawn ittieħdu f'lukanda sabiex jistrieħu u ngħataw dak kollu li kienu jinħtieġu.

Minn Tripli waslu uffiċjali għolja mill-Libyan Arab Airlines fejn saru l-arranġamenti kollha sabiex il-vjaġġ jitkompla, vjaġġ li kellu jieħu siegħa, iżda li ħa kważi disgħin.

Il-pirati baqgħu jinżammu taħt sigurta' stretta fil-kwartieri tat-Task Force f'Ħal Luqa. Kien fit-23 ta' April, 1983 li l-pirati tal-ajru ħallew Malta, fejn qabel it-tluq tagħhom għamlu żjara lill-Prim Ministru fir-residenza privata tiegħu f'Ħal Tarxien. Huma għażlu li jerġgħu jmorru lura f'pajjiżhom u rringrazzjaw lill-Gvern Malti għal kollu li kienu għamlu magħhom fix-xahrejn li damu Malta.


AVOID PENALTY POINTS ON YOUR LICENCE
Bluetooth
nüvi
SAT-NAVS
250
Driving North - Mriehel Bypass
Alert:80 Speed Limit
Triq San Gwakkin
Speed 70
Menu
00:17
GARMIN nüvi
SPEED CAMERA NOTIFICATION
BLUETOOTH PHONE CONNECTIVITY
GARMIN
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira Tel: 2133 5521
Mob: 7947 7728 • admin@medcomms.com.mt
www.medcomms.com.mt


exotique
entertainment
DVD LIBRARY, DVDs, MUSIC,
GAMES, ELECTRONICS,
COMPUTER HARDWARE.
Sliema - House of Grace, 380 Manwel Dimech Street. 2133 1775
St. Julians - Baystreet Tourist Complex. 2372 1600
7 Day Shopping 10.00 - 22.00
Valletta - Energy Complex. 2124 1349
Victoria Gozo - Arkadia Complex. 2210 3329
Qormi - 136, St Sebastian Street. 2144 0655
www.exotique.com.mt


THE ALL-NEW CHEVROLET CRUZE
IT'S HERE!
STARTING FROM €17,500
WOW!
CRUZE
MIRA MOTOR SALES LTD
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES
Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 3000
Tel: 2278 1278 Fax: 2148 0150
Email: chevy@zamgroup.com
GET REAL!
CHEVROLET

CAMRAY
MARBLE WORKS LTD.

**Marble & Granite Products**

*KW4,
Industrial Estate,
Paola PLA 08
Tel: 21 829794
Fax: 21 677771
e-mail:
camray@maltanet.net*

WÜRTH®

**Würth Ltd.**
Würth Hse., Triq il-Masgar,
Qormi QRM 3217
tel: +356 21 494 604
fax: +356 21 441 081
email: sales@wuerth-malta.com
website: www.wuerth.com.mt



*One of Life's Little Pleasures...*

Tony Camilleri Street, Burmarrad
Tel: 21 583 755 • Fax: 21 584 340
Email: info@piscopogardens.com
Web: www.piscopogardens.com

PISCOPO
gardens

# Paġna Sportiva

PS 46 Charlot Casha - MPSC









Hekk kif diġa semmejna fil-ħarġa tal-Magazin ta' Ġunju, din is-sena ġie ffurmat mill-ġdid it-tim tal-futbol tan-nisa tal-Pulizija.

Kien wara l-attivitajiet ta' żmien il-Milied tas-sena li għaddiet, meta l-Kumitat ta' l-Sports organizza attivitajiet sportivi flimkien ma' l-AFM, li ntwera' interess li jiġi iffurmat dan it-tim. Fost l-atttivitajiet u d-dixxiplini sportivi li ġew organizzati, kienu saru żewġ logħbiet futbol ta' ħbiberija bejn in-nisa taż-żewġ forzi, fejn wara dan il-logħob il-plejers li ħadu sehem urew ix-xewqa u talbu lil MPSC sabiex jiġi ffurmat it-tim. B'hekk sa mill-bidu ta' din is-sena, it-tim li hu kompost minn madwar ħmistax–il Pulizija mara minn branki u distretti differenti, bdew jagħmlu diversi sezzjonijiet ta' training. It-tim beda jiġi mħarreġ minn PC1341 Joseph Attard u mill-Ex Maġġur Teddy Bajjada fejn imbagħad għadda f'idejn PC 252 Steve Mallia. In-nisa li jiffurmaw dan it-tim ħadu l-affarijiet bis-serjeta', xtraw il-kits, blalen personali, żraben u kull ma' kien hemm bżonn sabiex jitħarġu sew u mill-ewwel bdejna naraw progress. L-entużjażmu u d-dedikazzjoni ta' kull waħda minnhom ħeġġet lil MPSC sabiex ngħinuhom aktar. Għalhekk, peress li sa issa għad m'hemmx league tal-futbol tan-nisa organizzat mill-Malta Employees Sports Association (MESA), xtaqna li t-tim tagħna jipparteċipa f'xi attivitajiet.

L-ewwel ma saru kienu xi logħob ta' ħbiberija ma' timijiet tan-nisa li jilgħabu fil-league Malti. Wara l-MPSC iddeċida li jdaħħal it-tim tan-nisa fit-tournament intern li ġie organizzat din is-sena. Veru li it-tim tan-nisa tilef kull logħba f'dan it-tournament, pero' wieħed ma jridx jinsa li lagħbu kontra timijiet tal-irġiel u li ħafna mit-timijiet huma komposti minn plejers li ilhom jilgħabu l-futbol. Madankollu li hu żgur hu li dawn in-nisa iggwadanjaw l-esperjenza tal-logħba tal-futbol, fejn wara kull logħba kienu jibqgħu jitkellmu u jaraw x'jistgħu jirranġaw għal-logħba li jkun imiss. Dawn ir-riżultati ma qatgħux qalb it-tim, anzi għal kuntrarju issaħħew iktar u b'dedikazzjoni u xi daqsxejn sagrifiċċji, iddeċidew li għandhom jiltaqgħu iżjed regolari sabiex jagħmlu iktar sezzjonijiet ta' taħriġ.

Meta l-MPSC ra din id-dedikazzjoni u l-entużjażmu li hemm f'dan it-tim, ridna mmorru oltre minn hekk. Il-Pulizija ta' Malta kellha stedi-



na sabiex nipparteċipaw fil-*World Police Indoor Soccer Tournament* li se jiġi organizzat f'Ottubru ġewwa Eibergen l-Olanda. Hekk kif kellna l-istedina, din ġiet offruta lit-tim tan-nisa bħalma ġiet offruta lit-tim ta' l-irġiel, fejn it-tim tan-nisa irrispondew għal dan l-invit b'entużjażmu u għalhekk sejrin jipparteċipaw f'Turnament tal-futbal bejn il-Pulizija minn diversi pajjiżi minn madwar id-dinja kollha. Il-preparamenti għal din l-attivita' bdew mill-ewwel fejn qegħdin jiġu mħarġa apposta għal din l-attivita' ġewwa l-Kumpless tal-Padiljun ta' Kordin, li huwa indoor ground, mill-Coach tal-Futbal PS1480 Sandro Mallia. Pero' rigward din l-attivita' se nitkellmu iktar fil-ħarġa li jmiss.

Sadantant minn hawnhekk f'isem l-MPSC nixtieq ngħid prosit l-ewwel-nett lill-plejers nisa tad-dedikazzjoni, l-entużjażmu u s-sagrifiċċji li qed jagħmlu filwaqt illi nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinu u li qegħdin jgħinu lil dan it-tim tal-Pulizija tan-nisa.

Go Girls... Keep it up..!

Niġu issa għat-turnament intern tal-futbol, li sfortunatament kellu jitwal daqsxejn minħabba raġunijiet li l-MPSC ma kelliex kontrol fuqhom, fejn il-biċċa l-kbira kienu jirrigwardjaw in-natura tax-xogħol tagħna. Kellna turnament interessanti fejn kien hemm diversi logħob li kienu eċċitanti mhux ħażin. Wara l-logħob tal-gruppi ikkwalifikaw 3 PD, 4 PD, 5 PD, 8 PD, SB2, FSL, CCF u IOs. Kien is-Sibt filgħodu meta dawn it-tmien timijiet lagħbu l-kwarti tal-finali fejn rajna logħob ta' kwalita' u eċċitanti. Minn hawnhekk għaddejna għas-semi finali li intlgħabu nhar id-29.07.2009 fid-disgħa ta' fil-għaxija fejn it-timijiet ta' B'kara u CCF ħarġu rebbieħa fuq it-timijiet ta' Raħal Ġdid u l-SB2 rispettivament.

Nhar il-11.08.2009 saret il-logħba bejn iż-żewġ finalisti CCF u 8 PD. Wara taqtija bejn iż-żewġ timijiet, is-CCF ħarġu rebbieħa bl-iskor ta 4 – 2, u għalhekk saru Champions għal din is-sena. Kienet logħba sabiħa ħafna b'azzjonijiet bla waqfien. Ic-CCF marru fil-vantaġġ u sa qabel it-tmiem ta l-ewwel taqsima B'Kara ġabu id-draw. Bdiet it-tieni taqsima b'azzjonijiet kontinwi u b'diversi saves tajbin mill-gowler tal-8 PD. Fil-bidu tat-tieni taqsima ic-CCF reġgħu marru fil-vantaġġ b'gowl. Sussegwentament l-8PD ma waqfux jattakaw u b'gowl sabiħ mis-Surġent anzjan Patrick Zammit, B'Kara ġabu d-draw, iżda l-ferħ tas-supporters Karkariżi ma damx, għaliex ftit minuti wara c-CCF reġgħu marru fil-vantaġġ b'xutt sabiħ li ħasad lid-difensuri kif ukoll il-gowler, u b'hekk reġgħu marru fil-vantaġġ. Hawnhekk, is-supporters tac-CCF li bħal Karkariżi kienu ftit mhux ħażin, bdew ikantaw bil-ferħ. Fl-aħħar minuti tal-logħba, il-Karkariżi ssiltu kemm felħu sabiex jippruvaw iġibu l-gowl tad-draw, pero' ftit sekondi qabel it-tisfira finali, it-tim tal-Ħabs irnexxielu jagħlaq il-logħba b'gowl ieħor biex b'hekk il-logħba ntemmet bl-iskor ta' 4 – 2 favur it-tim tal-Ħabs.

Kull min kien preżenti jista' jgħid li kienet atmosfera sabiħa ħafna u tassew ħaqqhom prosit is-supporters taż-żewġ naħat li kienu jinkludu anke nisa u tfal, li niżlu bi ħgarhom, tas-sapport li taw u ma waqfux jiċċelbraw ma kull gowl.

Għalkemm dan it-turnament dam biex spiċċa, fejn kellna diversi posponimenti ta' logħob, filwaqt illi ħafna mill-logħob intlagħbu f'temperaturi mhux favorevoli għall-plejers, nixtieq nirringrazzja kemm lill-plejers, dawk il-Pulizija kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom, kif ukoll lil B'Kara Youth Nursery tal-kooperazzjoni kbira u tas-servizz li provdewlna.

Attivita' oħra li saret kienet il-maratona tal-ġiri tal-5 kilometri nhar il-11 ta' Lulju. Din il-ġirja saret bħala parti mill-attivitajiet tal-Jum il-Pulizija ta' din is-sena. Din kellha l-bidu tagħha mill-ġnien tal-Gżira ħdejn Manuel Island, bir-rotta tkun minn Ta' Xbiex, għall-Imsida, għal Triq Sant'Anna, Furjana, tlajna għal ħdejn il-grawnd, bqajna sejrin minn wara l-Kurja u spiċċajna quddiem il-bieb tad-Depot. Għalkemm kienet għal ħabta tat-tmienja ta' filgħodu, xorta waħda kienet is-sħana, pero' ma qatgħetx qalb dawk li ppartecipaw f'din l-attivita', kemm irġiel kif ukoll nisa, għax għalkemm ħafna minnhom m'humiex atleti, kollha spiċċawha f'ħinijiet raġjonevoli. Prosit u grazzi lil parteċipanti kollha.

Fil-ħarġa li jmiss ha nitkellmu fuq il-parteċipazzjoni tal-Pulizija ta' Malta bi 3 timijiet; irġiel, irġiel 35+ u nisa, fil-WPIST 2009 ġewwa l-Olanda, sa dak in-nhar inselli għalikom.......


D-I-Y Makeovers are fun!
• 1,200 sq.metres of walk through display area.
• Thousands of items in stock!
• Do-It-Yourself & Home Improvement products
• Specialists in timber products and furniture fittings
• D.I.Y. kitchens and a full range of accessories
• High quality products at reasonable prices
• Free advice and personal service
• Cutting and delivery service available
PM HOBBY
D.I.Y. & INDUSTRIAL SUPPLIES CENTRE
Zerafa Street, Marsa.
Tel. 21 225 360, 21 242 688.
Open: Mon-Fri from 8a.m. - 6p.m.
Sat from 8.30a.m. - 12.30p.m.
E-mail: sales@pacemercieca.com.mt
Website: www.pacemercieca.com.mt
Hamrun
Blata l-Bajda
Valletta
PM HOBBY CENTRE


Restoration Products and Contracting Services
we solve humidity problems, flaking & dusting walls
visit our new showroom or call for a free on-site consultancy
Restoration products | hydraulic lime products
Corical lime paints | Uula linseed oil paints
Moroccan Tadelakt materials | modern deffun
bees wax | bio paint stippers
.... and much more
lime
building products
natureplus
Unilit
CORIDECOR
Triq San Giljan, San Gwann SGN2801
tel: 21 45 70 22 • mob: 79 91 37 09
email: limeproducts@spikenet.net.mt
www.limebuildingproducts.com


VISIT OUR SHOWROOM
Firetech
FIRETECH OFFERS A FULL RANGE OF CCTV SYSTEMS, FIRE & MARINE SAFETY EQUIPMENT, INTRUDER ALARMS, HALL PORTERS, SAFES & PADLOCKS, FIRE ALARMS AND SECURITY SOLUTIONS.
Firetech
FIRE, SAFETY & SECURITY SOLUTIONS
99, Mill Street, Qormi QRM 3100. Tel: 2278 5200
Email: info@firetech.com.mt www.firetech.com.mt

**Smina** POULTRY PRODUCTS
**QUALITY GUARANTEED**

*"Għal tiġieġa friska u bnina saqsi dejjem għal ta' Smina"*

**OFFER 1** — **€23.30**
- 5Kg Whole Legs
- 1Kg Breast
- 2Kg Wings
- 1Kg Liver
- 1 Whole Chicken (1.5Kg)
- Free Necks

**OFFER 3** — **€23.30**
- 4Kg Breast
- 2Kg Thighs
- Free Liver

**OFFER 2** — **€23.30**
- 10Kg Whole Legs
- Free Soup Pack

**OFFER 4** — **€27.00**
- 5Kg Whole Legs
- 3Kg Breast
- Free Whole Chicken (1.2Kg)

FREE HOME **DELIVERIES**

For any orders worth over €23.30
Call us on 2146 6180 / 2146 5922
All our products may be found at our shop in Paola

SKYLINE PLASTIC WORKS EST. 1959
THE SIGN FOR SIGNS

# SKYLINE
## PLASTIC WORKS

Manufacturers & Designers of

Plastic, Illuminated Signs, Acrylic Stands
Computer Cut Stickers, Lettering
& Logos, Engraved Name Plates
(Also on Brass & Stainless Steel)
Telephone Booths, Neon Signs

**Stockists of Acrylic Sheets**

**Factory: 126, Bwieraq Str.,**
**B'Kara BKR 07**
**Tel: 21442783 Fax: 21444083**
**E-mail: skyline@global.net.mt**
**www.skylineplasticworks.com**

*We try to do the impossible, possible*



# International Police Association

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

*Dear IPA Members;*

Whenever we approach colleagues and invite them to join our association after explaining to them what IPA is all about, its benefits and opportunities, inevitably as expected, one of the questions put forward to us would be, **'but what do I get from IPA'**. When Arthur Troop founded our Association in 1950 he based everything on friendship, as in fact our motto clearly states, 'Servo per Amikeco' – service through friendship. Therefore as expected between friends the main objective should be, **'how can I serve'** or **'how can I help'**. Surely by serving or helping there will be a reward or a return which often might not be materially, but a feeling and sense of satisfaction of having rendered a service to someone else. IPA also presents a number of opportunities to its members however it is up to the individual to choose and develop these opportunities in a way to suit him within the frame work of the Association Statutes and Rules. Being an international association contact skills are essential and IPA can also be beneficial in developing such skills, both with local or foreign colleagues. Unfortunately to this regard we have experienced colleagues, even officers who although being bright and intelligent, when facing colleagues, especially foreigners, they seem to loose all their personality and may feel rather inferior, creating all sorts of excuses to avoid meeting people. As we have said, IPA is a field of hanging opportunities and through assistance and guidance, members can be helped to select and develop those opportunities to suit their needs. However it is entirely up to the individual whether one remains empty handed or else develops further existing opportunities. No matter how one reacts and moves forward, the cardinal principle must always remain that of **service through friendship,** because unless this is truly felt and forms an integral part of the individual, the full advantages of membership within IPA will never be achieved.



**Poland visit:** As we have already informed you between the 22nd and 26th July, our colleagues Patrick and Giselle were invited to travel to Poland to represent our section during the official Polish Police Foundation 90th Jubilee commemorations. Upon their arrival they were met by members of the organising committee, who took them to Legionowo police training centre to settle there. On **Thursday 23 July** at 9 a.m. all delegates were taken to Plonsk in their respective service uniforms were they marched along the town old streets. There they were welcomed by the Mayor, the Monitor and the Police Commander and later also by the International President Michael Odysseos who addressed all delegates. In the afternoon delegates were taken to The Stud Farm in Poczerna, where horse breeding takes place. In the evening the dinner included a treat to traditional local food, which consisted of grilled meat on bar-be-cue, wine and music. Foreign guests were given the opportunity to fly over the city on board a helicopter. On **Friday 24 July**, all delegates attended for a full day celebrations in uniform which included a 'passing out parade' for newly sworn Police Officers. In the evening a reception was held at Police Academy accompanied by music and dancing all night long. On **Saturday 25th July**, the group was taken on a boat trip in Warsaw over the Vistula River and later on being divided into two groups, sightseeing tour of the Royal Castle, the Old City, and Wilanow Palace. The afternoon was spent at Benguriona Museum with lunch at WWII Warsaw Ghetto. The final farewell dinner was held in Grocka, which included speeches and exchange of souvenirs.

A few days after the event, we were pleased to receive a note from the International President Michael Odysseos which read as follows:

*Now something else, congratulations for the nice couple you have sent to Poland to represent the Section. They were punctual on everything; I was impressed with their conduct and behaviour. Feel proud my friend. Please pass to them my greetings.*

**Thanks Patrick and Giselle you made us proud.**

**IPA 11th Mediterranean Regional meeting:**



Between the 8th and 10th May 2009, Section Malta was invited to participate with the rest of the Mediterranean Sections for the Regional meeting which was held in Lugano hosted by the Swiss Section. Upon this invitation our National President Dione Bugeja and Alfio Borg the Assistance Treasurer attending for this meeting, after making good from their own pockets with regarding to the travelling expenses. The meeting was held on Saturday 9th May at the Municipal Council Hall, with all Sections attending with the exception of France. The meeting was chaired by the city of Lugano Police Chief Mr. Roberto Torrente assisted by Cyprus National President Michael Odysseos. As in the previous meeting in Jesolo in 2008, our National President was invited by the organising committee to act as secretary of the meeting, and to record and distribute the minutes of the meeting. Topics discussed during the meeting included: IPA Exchange programme, IPA friendly accommodation, Social/Cultural Activities, Future of the Association and the PEB Elections 2009. During the open discus-

sions several delegates participated expressing their views on the topics mentioned. Off course the interesting part came when delegates started nominating candidates for the PEB elections to be held during the World Congress in October. The meeting was concluded by the Swiss National President Mario Bolgiani who thanked all those present for their participation and invited them for a stand up lunch at the Municipal courtyard.

**Appreciation:** Following the visit of our British IPA colleagues namely Chris Butler, Ron Parker and Antonio Menzies, who came purposely to Malta to celebrate with us Police Day on the 10th July, recently our National President received the following letter from our friend Chris.

*On behalf of the Two Cities Branch I would like to offer my heart felt gratitude and thanks to Section Malta for being made to feel so welcome upon our visit to Malta last month. We felt very lucky to be invited to the various events that we attended during our stay, which have left us all with some very fond memories. The success of our visit to Malta is very much a credit to you and your colleagues Joseph and Romeo and your hard work and commitment to the IPA in Malta was very apparent. It was clear to see how tightly the IPA has been woven into the fabric of the Malta Police and Malta Government, and we were so impressed with your efforts in this area, that it made us think about our own ties back in the UK. We were absolutely delighted to be introduced to senior Maltese dignitaries, and found it a very surreal and exhilarating experience. I would like to personally thank you for everything that you did for us during our time in Malta, and even though it was a short stay, you helped us to make very good use of the time that we had. Finally can you please convey my personal thanks to Joseph Mamo for this continuous support.*

*I wish Malta Section IPA a long and prosperous future, and extend my sincere regards to all its members. Chris Butler Two Cities Branch Chair – Section United Kingdom.*

**Visit to the Blood Bank:** Once again on Friday 28th August, IPA Malta in collaboration with the Traffic police department organised a group of donors who met at the Blood Bank Centre G'Mangia to render a service to the community. As a gesture of thanks towards those participating, a lucky name was drawn up from among those present and the winner Mr. Edgar Dalli (Ps 1374 - FSL) received two tickets for Sicily on board



VIRTUFERRIES
MALTA • SICILY
EXPRESS FERRIES

the catamaran, kindly donated to us by 'Virtu Ferries'. May we take this occasion to thank once again the management of Virtu Ferries for their support.

**L'Aquila Earthquake appeal:** Following an appeal from the International Social Commission to collect and send donations in favour of the L'Aquila Earthquake, which occurred last April, it was decided that our Section will contribute 100 euro, 55euro being taken from the association funds while 45 euro were collected from among the National Executive committee.

**Full Service membership cards:** During one of the NEC meetings it was decided that members holding a 'Life membership' or a 'Full service membership' will be issued with a special IPA ID credit style card, which includes also their photo. This is being supplied apart from the normal blue ID card. These cards are kindly being sponsors by HSBC Bank and once again we thank HSBC for their support.




**World Congress 2009:** Between the 6th and the 11th October 2009 the IPA World Congress is being held in Antalya during which congress the PEB elections will be held. During this congress our National President will be presenting the Internal Auditors report to the delegates and once again he is being proposed for the post of Internal Auditor for the second term. This year the post for the presidency is being contested by two candidates, the actual president in office Michael Odysseos and the Ist. Vice president Daniel Condaminas. On the other hand the post of International Secretary General is also being contested by two candidates, the present Assistant Secretary General George Katsaropoulos of Section Greece, and Kevin Gordon from the USA Section. For the third consecutive World Congress in collaboration with the Malta Tourism Authority, IPA Malta Section will be providing delegates with the voting batons, to be used during the voting sessions. This is a local initiative which was introduced in 2003 in Norway and continued in 2006 in Slovenia. Thanks to MTA for their continuous support.

**Certificates to the NEC members:** Following the successful organisation we have managed to achieve during the PEB visit to Malta, and the contribution given by all members of the National Executive Committee towards this success, the National President together with the Secretary General decided to present all members of the Executive Committee with a certificate of merit, to show their appreciation for the excellent job performed.



A certificate of merit was also awarded to our member Neville Mercieca for his work and for being instrumental so that our Section could launch our website www.mpa.org.mt/ipa on the 20th April 2009.

**Membership Renewal Lottery 2009:** We are pleased to inform you that for this year the lucky winners of the 'Membership Renewal Lottery' will be receiving two flight tickets for Corfu kindly donated to us by **Fantasy Tours, of Golden Travel Club Ltd, 45 Fleur de Lye Road Birkirkara Tel. 25402200 web. www.goldentravelclub .com** (certain conditions prevail). All members who up to the National Council meeting day would have paid their membership will be entitled to participate. However those members who on the same day would have also renewed their 2010 membership will participate with two tickets. In addition attendees for the National Council meeting, during which meeting the lottery will be drawn, will receive a bonus of two extra tickets. So call at the IPA office and settle your membership now and let's see you all for the NEC meeting on Sunday 24th January 2010.

*Best Regards*
*National Executive Committee*


VIKING
BRINGS OUT THE REAL MAN IN YOU
Range comprises:
Shaving Cream & Foam, Deodorant,
Aftershave Lotion, Hair Gel & Shampoo
Sole Agents:
JOSEPH CASSAR LTD. 48, Mill Street, Qormi.
Tel: 21 470 090, 21 470 228 Fax: 21 470 219
Email: jcl@waldonet.net.mt
Aroma
COSMETICS


COOPER TIRES
OFFICIAL SPONSORS OF:
A1GP.com
www.coopertire.com
AVON
TYRES
www.avon-tyre.co.uk
THE PERFECT FIT! GREAT TRACTION
For retail & wholesale
contact Carmel Azzopardi
Tel: 21 441 935, 21 449 360
Mob: 9949 2961 Fax: 21 492 397
Email: peterazzopardi@onvol.net
Available
from
all leading
tyre shops


ractis
belta
vitz
DINOS
MOTOR CENTRE
www.dinosmotors.com
mosta rd, lija tel. 21485301

# Għaqda Pulizija Pensjonanti

ex Surġent Joe Borda PRO/Ass. Segretarju G. P. P.

## Konferenza Ġenerali

Nhar il-Ħadd 21, ta Ġunju 2009, saret Konferenza Ġenerali fil-Police Social Club. Għal din il-konferenza kienu mistiedna l-MPA u l-IPA, li kienu rrapprezentati mis-segretarji PC Nevile Mercieca u PS Joseph Mamo. Peress li l-President tal-Għaqda, is Sur Charles Curmi kien imsiefer, il-konferenza ġiet immexxija mill-Vici President Albert Polidano. Waqt is-seduta saru dawn l-emendi:

i] Fl-Artikolu ħmistax [15] u għoxrin [20] tal-Istatut, il kliem, 'kull sentejn' inbidlu u minflokhom daħlu l-kliem kull 'tliet snin'., li ġiet approvata. Jiġifieri l-Konferenza Ġenerali biex jinħatar kunsill ġdid, għanda tinżamm bejn Frar u Mejju ta kull tlett snin skond ir-Regolamenti 21 ta l-Istatut.

ii] Fl-Artikolu erbgħin [40] ta l-Istatut jispiċċaw il-digits e46.50 u jidħlu minflokhom e100. Din ukoll ġiet approvata. Dan ifisser li t-Teżorier huwa awtorizzat li jonfoq sa e100, mingħajr il-bżonn li jitlob l-awtorità mill-Kunsill tal-Għaqda.

iii] Għalkemm is-sur Louis Muscat, l-ex Segretarju ta' l-Għaqda, telaq mill-kariga, għal raġunijiet ta' saħħa, xorta waħda baqà bħala membru fl-istess kunsill.

Emanuel Caruana talab sabiex, skond kif huwa pprovdut fl-artikolu 22 ta l-istatut, huwa jiġi konfermat minn Assistent Segretarju Designate, għal Segretarju, filwaqt li jien Joseph Borda nsir bħala assistent segretarju. Billi Chev. Vincent Zahra rrizenja mill-Kumitat għal raġunijiet ta' saħħa u età, huwa talab lis-Seduta Ġenerali awtorizza, sabiex Joseph M. Azzopardi jiġi co-opted u jimlà l-post ta' Chev. Vincent Zahra. Kien hemm qbil fir-rigward minn kulħadd preżenti.

iv] Fl-Artikolu tnejn [2] ta' l-Istatut, tiżdied ammenda 2C, li tiġi taqra, illi bl-Approvazzjoni tal-Konferenza Ġenerali, parti mill-flus tal-Għaqda jistgħu jintuzaw ukoll għall xi kawza fil-Qorti, basta l-ammont użat ma jaqbizx nofs il-fondi tal-Għaqda. Fuq din l-emenda ma kien'x hemm qbil.

Fuq suġġeriment ta' seħibna Nicholas Cutajar, dan talab sabiex jinħoloq fond immexxi mit-Teżorier tal-Għaqda fejn kull membru tal-Għaqda Pulizija Pensjonanti, jiġi mitlub jikontribwixxi €10 għal kawza li l-Għaqda sejra tagħmel, u tiġi mogħtija rċevuta. Kien hemm qbil fir-rigward minn kulħadd preżenti.

Il- Konferenza Ġenerali spiċċat fl-10.30 ta' filgħodu.

## Attivitajiet konnessi mal-195 Sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp

L-ewwwl attività saret fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, nhar il-Ħadd 5 ta'Lulju, quddiesa b'sufraġġju għal erwieħ ta' l-ex-membri tal-Korp. Din tmexxiet mill-Kappillian tal-Korp, Fr. Raymond Bonnici.

Preżenti kien hemm il- Ministru Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, d-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, peress li l-Kummissarju John Rizzo kien indispost, uffiċjali tal-Korp u membri tal-Għaqda, kienu mmexxija mil-President Charles Curmi.



Wara il-quddiesa saret iċ-ċerimonja fuq l-oqbra tal-Korp fejn sar talb u tberik minn Fr. Raymond Bonnici. Wara sar tqegħid ta' kuruni fuq il-oqbra mill-Ministru Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, mid-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, u mill-għaqdi-et l-oħra tal-Korp, inkluż dik tal-Għaqda tagħna, mis-Sur Charles Curmi.







Fis 6 u 8 ta' Lulju saru riċevimenti fl-Akkademja, Sant'Iermu għall-membri tal-Korp u l-Pensjonanti. Għal din l-attivita atten-dew numru sabieħ miż-żewġ naħat.



Peress li din is sena kien qed issir xogħol ġo Misraħ San Ġorġ, il-parata annwali hekk mistennija mill-membri ta l-Għaqda u mill-poplu ġenerali, ma setatx issir. Għaldaqstant, il-Ġimgħa 10 ta' Lulju quddiem il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, inżammet Gwardja ta' l-Unur, u wara Quddiesa solenni.

Is-Sibt 11 ta Lulju, saret tislima lill-membri tal-Korp li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom quddiem il-monument li jinsab fl-entratura tal-Kwartieri Ġenerali.

Aktar tard saret iċ-ċeremonja tal-għoti ta' medalji għal servizz twil u effiċ-jenti u għoti ta ċertifikati ta' ringrazzjament u tifkira lil dawk li għalqu 25 sena servizz jew aktar.

It-Tnejn 13 ta Lulju saret quddiesa għall Pulizija Għawdxin u Pensjonanti fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta Santa Marija u wara servizz fuq il-oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' fjuri.

Aktar tard sar riċeviment għall –Pulizija Għawdxin u Pensjonanti fil–Pjazza ta Marsalforn.

# Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna invit li ġie maħruġ fl-okkazzjoni ta 'Farewell Dinner' f'ġieħ il Kummissarju Banford li kien se jispiċċa mill-Korp. Din l-attività kient saret fis-26 ta' April 1922 ġewwa l-Officers Mess, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li dak iż-żmien kien ġewwa in 'Nights Hall' jew kif hi magħrufa 'l–lum, id-Dar tal-Konferrenzi



Farewell Dinner
To
Lt. Col. H.W.M. Bamford,
O.B.E., M.C.
Commissioner of Police,
By
The Officers Malta Police
26th. April 1922.



Menu.

Hors d'oeuvre
Consommé à la Royale
Poisson
Dental Bouilli-Sauce Cardinal
Entrées
Asparagus-Vinaigrette Sauce
Côtelettes de veau à la Jardinière
Rôti
Dindon-Jambon
Entremets
Gâteau à l'Anglaise
Glace à la Vanille
Dessert
Café-Liqueurs.

PROGRAMME.

THE MALTA POLICE BAND.

| | | |
|---|---|---|
| March | Col: Bamford | Magro |
| Idyl | Glow-worm | Lincke |
| Selection | Girl in the Train | Fall |
| Romance | Simple Aveu | Thomè |
| Selection | Chu Chin Chow | Norton |
| Characteristic | Humoresque | Dvorak |

GOD SAVE THE KING.

S Magro,
Band Master.

26th. April 1922.

Kif tistaw taraw, hemm il 'Menu' tal-ikel li kien ser ikun servut, filwaqt fuq in-naħa l-oħra hemm Programm tal-mużika li kienet ser iddoq il-Banda tal-Korp.



Ex. P C 625 Francis Borg
1923 – 2009
1954 - 1977



Ex. P C 747 Joseph Abela
1954 – 2009
1983 – 2008



Ex. P C 972 Saviour Agius
1935 – 2009
1956 – 1981



Ex. P C 957 Anthony Demicoli
1935 – 2009
1955 – 1980

# Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



Ex. P C 696 Carmelo Abela
1930 – 2009
1955 – 1975



Ex. P C 716 Joseph Micallef
1926 – 2009
1951 – 1974
(Gozo)



Ex. P C 338 George Sciberras
1943 – 2009
1962 – 1993
(Gozo)



Ex. P C 971 Paul Parnis
1930 – 2009
1952 – 1979
(Gozo)

# A Professional Blend of Local Bonds



## Vilhena Malta Government Bond Fund

**4.05%***

- *Income Yield as at 15.08.09
- Diversification - A portfolio of Maltese Government Bonds
- Classes of shares - A choice of Accumulator or Distributor
- Liquidity - Access to your money at short notice
- Monthly Investment Plan - From €50 per month

Past performance is not a guarantee to future performance.

VALLETTA
FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group
Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licenced Financial Intermediaries

* Income Yield net of the Fund's fees and expenses as at 15th August 2009. This yield, which constitutes the income that the assets of the Fund generate in relation to their value or market, and the frequency of payment may vary and are not guaranteed.

The value of the investment may fall as well as rise and any initial charges may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV plc is licensed as a Collective Investment Scheme, qualifying as UCITS, by the MFSA. This press advert has been issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana, FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565,
Email: infovfm@bov.com, Website: www.vfm.com.mt Source: VFM


202 Jewellery
Merchants Street, Valletta
Tel: 27 202 202
HAPPY
MOM
CHAMILIA™
YOUR LIFE. YOUR STYLE.
PANDORA
UNFORGETTABLE MOMENTS
NICKY VANKETS Jewels
d'Alton PARIS
SPINNING JEWELRY
CHAMILIA
YOUR LIFE. YOUR STYLE.